IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 7.12.2011
KUMM(2011) 843 finali

2011/0411 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi**

{SEG(2011) 1475 finali}
{SEG(2011) 1476 finali}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta għal Strument ta' Sħubija iħassar l-Istrument ta' finanzjament għall-Kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji Industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ICI)[1], li daħal fis-seħħ fl-2007, kien il-mezz ewlieni tal-UE għal kollaborazzjoni ma' pajjiżi żviluppati ħafna. L-ICI wera li hu sett ta' għodod effettivi li jipprovdu rispons differenzjat u xieraq sabiex titwessa' u tiġi approfondita l-kooperazzjoni ma' 17-il pajjiż (pajjiżi industrijalizzati u territorji bi dħul għoli fl-Amerika ta' Fuq, ir-reġjun Asja-Paċifiku u r-reġjun tal-Golf). Dan l-aħħar ġie estiż għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-adozzjoni tal-proposta ICI+. Madankollu, peress li dan se jiskadi fl-aħħar tal-2013; huwa meħtieġ strument finanzjarju ġdid.

Barra minn hekk, minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament ICI, rajna jemerġu b'mod partikolari ekonomiji bħall-Indja, iċ-Ċina u l-Brażil li qed ikollhom rwol dejjem aktar prominenti fl-ekonomija u l-kummerċ internazzjonali, fil-fora multilaterali (NU u G20) u fl-indirizzar ta' sfidi ta' tħassib globali. Filwaqt li l-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar jibqa' tħassib ewlieni, dawn il-pajjiżi qed progressivament iħallu warajhom l-istatus ta' nazzjonijiet li qed jiżviluppaw. Biex issostni l-irkupru ekonomiku tagħha stess, l-UE għandha interess strateġiku li tistimula sforzi plawżibbli minn dawn il-pajjiżi sabiex tittratta b'mod adegwat l-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima.

L-UE żviluppat ukoll ftehimiet fuq bażi wiesgħa ma' msieħba ewlenin u ekonomiji emerġenti sabiex tindirizza kwistjonijiet bilaterali u kwistjonijiet ta' tħassib globali. L-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti (jiġifieri: bħala ftehimiet, dikjarazzjonijiet, pjanijiet ta' azzjoni eċċ) teħtieġ strument ta' finanzjament iddedikat biex b'hekk l-UE jkollha l-mezzi biex tippromwovi l-interessi tagħha b'mod effettiv madwar id-dinja, u sabiex tittratta kwistjonijiet globali kull fejn ikun hemm il-ħtieġa.

Barra minn hekk, l-evoluzzjoni tar-relazzjoni mar-Russja; il-kriżi finanzjarja li ħolqot sfidi ġodda fl-ekonomija dinjija u fl-ordni ekonomiku tagħha; l-interdipendenza dejjem tiżdied bejn l-UE u l-imsieħba ewlenin tagħha; ix-xejriet tan-negozju li dejjem qed jinbidlu, ir-rwol dejjem jikber tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet tan-negozju/kummerċ kemm fl-Ewropa kif ukoll fil-pajjiżi msieħba tal-UE jeħtieġu aktar djalogu, integrazzjoni u skambji. Hemm ħtieġa dejjem tiżdied biex jiġu indirizzati sfidi soċjali (benefiċċji tal-globalizzazzjoni mqassma b'mod mhux uniformi, l-impatt kbir tar-riċessjoni ekonomika fuq il-konsum, id-dħul, il-ħolqien ta' impjiegi) kif ukoll sfidi ambjentali u tat-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, l-irwol dejjem jikber ta' ekonomiji emerġenti inkluż il-kummerċ minn Nofsinhar għan-Nofsinhar u kwistjonijiet ta' kooperazzjoni, il-ħtieġa li jingħaqdu l-assistenza għall-iżvilupp, l-istrumenti tal-kummerċ, id-djalogi tan-negozju, l-iżviluppi infrastrutturali u teknoloġiċi, u l-investiment biex isostni t-tkabbir intelliġenti u inklużiv, l-integrazzjoni kummerċjali, l-iżvilupp tas-settur privat, il-koeżjoni soċjali, ir-riforma u l-programmi ta' modernizzazzjoni kollha wasslu għall-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument ġdid.

---

[1] L-Istati Uniti tal-Amerika, il-Ġappun, il-Kanada, ir-Repubblika tal-Korea, l-Awstralja u New Zealand); ċerti pajjiżi u territorji industrijalizzati Ażjatiċi li huma esklużi mil-lista tad-DAC ta' pajjiżi reċipjenti (Singapor, Ħong Kong, il-Makaw, it-Taiwan u l-Brunej) kif ukoll il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (il-Baħrejn, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabija Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda) esklużi b'mod simili mil-lista tad-DAC ta' riċevituri tal-ODA.

L-UE bħalissa m'għandhiex strument ġenwin li jippermettilha tikkoopera ma' ekonomiji emerġenti ġodda dwar kwistjonijiet relatati mal-avvanz tal-interessi ċentrali tal-UE u dwar l-isfidi komuni ta' tħassib globali (bħal pereżempju t-tibdil fil-klima jew il-ħtieġa tal-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli fil-livelli kollha). Minkejja li l-ICI ġie estiż biex ikopri l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, permezz tal-adozzjoni tal-ICI+ fl-1 ta' Diċembru 2011, l-ambitu ta' applikazzjoni tiegħu huwa limitat.

L-Istrument ta' Sħubija propost huwa mfassal biex jegħleb din il-limitazzjoni ta' kapaċità tal-UE li timpenja ruħha fuq livell internazzjonali bl-aktar mod effettiv. Dan jimla l-vojt deskritt hawn fuq u, b'mod partikolari, jippermetti lill-UE ssegwi aġendi lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' atturi globali, iżda anki li tiddefendi l-interessi ewlenin tal-UE ma' kwalunkwe pajjiż imsieħeb ieħor kif ikun hemm bżonn. Dan jista' wkoll jirfed relazzjonijiet ġodda ma' pajjiżi li ma għandhomx aktar il-ħtieġa ta' assistenza għall-iżvilupp.

B'mod partikolari, dan ikun qed isegwi l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-Istrateġija "Ewropa 2020" billi jiġu appoġġjati l-istrateġiji ta' sħubiji ta' kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u interreġjonali tal-UE, bil-promozzjoni ta' djalogi dwar l-linji ta' politiki u billi jiġu żviluppati approċċi u reazzjonijiet kollettivi għall-isfidi ta' tħassib globali bħas-sigurtà tal-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-ambjent;

(b) it-titjib fl-aċċess għas-suq *u l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' kummerċ, investiment u negozju* għall-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, permezz ta' sħubijiet ekonomiċi u kooperazzjoni bejn in-negozji u kooperazzjoni regolatorja;

(c) fehim aktar mifrux u żieda fil-viżibbiltà tal-Unjoni u r-rwol tagħha fix-xena dinjija permezz ta' diplomazija pubblika, il-kooperazzjoni edukattiva/akkademika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tal-Unjoni.

L-**Istrument ta' Sħubija** għalhekk se jmexxi 'l quddiem u jippromwovi l-interessi tal-UE u dawk reċiproċi u se jagħti piż globali lill-istrateġija "Ewropa 2020", billi jirrispondi b'mod effettiv u flessibbli għall-għanijiet ta' kooperazzjoni li jirriżultaw mir-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi msieħba u billi jindirizza l-isfidi ta' tħassib globali. Din se jkollha piż globali b'attenzjoni partikolari fuq imsieħba strateġiċi u ekonomiji emerġenti. Mhu se jkun hemm l-ebda klassifikazzjoni obbligatorja ta' nefqa bħala għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA), għalkemm dan għandu jibqa' possibbli, b'mod partikolari għall-Għajnuna għall-Kummerċ u Assistenza Relatata mal-Kummerċ. L-ammont finanzjarju għall-perjodu 2014-2020 huwa ta' EUR 1 131 miljun.

L-Istrument ta' Sħubija se jkun parti integrali mill-istruttura ġenerali tal-Istrumenti Finanzjarji ta' azzjoni esterna organizzati madwar erba' kapitoli ewlenin: kapitolu bbażat fuq il-politika li jimmira primarjament lejn il-kooperazzjoni ma' pajjiżi msieħba fil-livelli kollha; kif ukoll kapitoli dwar il-ħidma fuq prijoritajiet u valuri trasversali: id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, u l-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-kriżijiet.

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-istrateġija "Ewropa 2020" hija li jerġa' jinġieb it-tkabbir li huwa kompatibbli mal-viżjoni tal-Ewropea għal ġejjieni b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u mal-objettivi ta' żvilupp sostenibbli. L-aġenda tirrikonoxxi li l-ekonomiji emerġenti li qed jikbru b'pass mgħaġġel bi klassi medja li qed tespandi se jkollhom rwol importanti fis-sostenn

tal-esportazzjonijiet Ewropej tal-merkanzija u s-servizzi li fihom l-UE għandha vantaġġ komparattiv. Pereżempju, il-politiki tal-ġejjieni dwar il-klima (jew in-nuqqas ta' dawn) fiċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil u l-Istati Uniti se jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività tal-ġejjieni, ir-Riċerka u Żvilupp u l-kooperazzjoni xjentifika matul dawk ir-reġjuni, kif ukoll fuq il-kummerċ internazzjonali. Huwa fl-interess tagħha li nippromwovu l-allinjament u l-kooperazzjoni massimi. L-Istrument ta' Sħubija għandu jkun strumentali fl-appoġġ għall-politika tan-negozju[2], b'mod partikolari rigward l-imsieħba ekonomiċi strateġiċi. L-appoġġ għall-aċċess għas-suq fil-każ tal-kumpaniji Ewropej se jissupplimenta l-azzjoni ffinanzjata taħt il-Programm għall-Kompetittività u l-SMEs.

L-ekonomiji emerġenti għandhom rwol dejjem aktar prominenti bħala msieħba responsabbli biex jindirizzaw l-isfidi ta' tħassib globali fil-kuntest tal-kriżi ekonomika attwali. *L-UE tirrikonoxxi l-importanza ta' żieda fir-responsabbiltajiet tal-ekonomiji emerġenti lejn pajjiżi inqas żviluppati u pajjiżi li qed jiżviluppaw.* Kwistjonijiet importanti bħat-tnaqqis tal-faqar, il-kompetittività u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, l-iżvilupp sostenibbli, ix-xogħol deċenti, inkluż ir-rispett tal-istandards ewlenin tax-xogħol u d-djalogu soċjali, it-tisħiħ tal-ħiliet fil-litteriżmu diġitali u l-inklużjoni, il-pandemiji, iċ-ċibersigurtà, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata inkluża l-piraterija jistgħu jiġu indirizzati biss f'kuntest internazzjonali. Fuq l-isfond ta' globalizzazzjoni aktar mgħaġġla, huwa essenzjali li l-aġenda interna tal-iżgurar ta' tkabbir sostenibbli u impjiegi fl-Ewropa u l-politika interna tal-UE b'mod ġenerali jiġu sostnuti minn assistenza finanzjarja esterna xierqa. Din id-dimensjoni esterna tal-linja politika interna, għandha ġġib konsistenza u koerenza ikbar mal-azzjoni esterna tal-UE billi jiġi evitat l-irduppjar u jiżdied l-impatt.

Għaldaqstant l-Istrument ta' Sħubija se jagħti prijorità lill-appoġġ għal-linji ta' politika esterni tal-UE bħall-kummerċ kif ukoll lid-dimensjoni esterna tal-linji ta' politika tal-UE dwar it-tibdil fil-klima, l-ambjent, l-enerġija, it-trasport, il-politika tal-impjiegi u soċjali, kif ukoll it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Taħt l-Istrument ta' Sħubija, l-integrazzjoni tal-klima u l-għanijiet tal-klima se jkunu partikolarment rilevanti għall-attivitajiet li jippromwovu djalogu politiku ma' ekonomiji industrijalizzati u emerġenti.

L-effiċjenza tar-riżorsi se tkun kruċjali biex it-tkabbir ekonomiku jinżamm f'livelli sostenibbli fil-limiti ambjentali. L-UE qed tadotta Strateġija ta' Effiċjenza tar-Riżorsi bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija "Ewropa 2020". Dan se jaffettwa n-normi tal-UE iżda se jkun verament effettiv biss jekk jiġu adottati prattiki effiċjenti fir-riżorsi mill-ekonomiji ewlenin kollha. L-ekonomiji emerġenti għandhom l-opportunità li jagħmlu qabża 'l quddiem mit-tendenzi ta' konsum u produzzjoni mhux sostenibbli li kienu ta' spiss segwiti mill-UE u ekonomiji avvanzati oħra matul l-industrijalizzazzjoni tagħhom u l-UE għandha kull interess biex tgħinhom jagħmlu dan.

Madankollu, l-ekonomiji emerġenti b'mod partikolari l-Indja u ċ-Ċina għandhom ukoll popolazzjonijiet enormi, li jgħixu f'faqar assolut u li jiddependu fuq ekosistemi sani bħal ilma nadif u ibħra u foresti produttivi għall-għajxien tagħhom. Fl-istess waqt, il-Brażil, l-Afrika t'Isfel, l-Indja u ċ-Ċina għandhom bijodiversità enormi. Dawn l-ekonomiji emerġenti jsawwru wkoll l-użu tar-riżorsi fil-bqija tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, b'mod partikolari f'pajjiżi ifqar li qed jiżviluppaw. Il-kooperazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ekosistemi u l-ġestjoni b'mod sostenibbli tagħhom huma fl-interess reċiproku tal-UE u l-imsieħba tagħha.

[2] "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija – IL-POLITIKA TAL-KUMMERĊ BĦALA ELEMENT PRINĊIPALI MILL-ISTRATEĠIJA TAL-UE 2020" (COM/2010/612) tad-9.11.2010

Id-djalogu u l-kooperazzjoni prattika mal-produtturi u l-konsumaturi ewlenin tal-enerġija globali huma essenzjali sabiex tiġi indirizzata l-isfida li tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-enerġija tal-UE, b'mod partikolari hekk kif qed insiru dejjem aktar dipendenti, flimkien ukoll sabiex jiġu promossi aġenda globali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, politiki ta' enerġija sostenibbli, it-trasparenza u l-prevedibbiltà fis-swieq globali tal-enerġija u l-kooperazzjoni fit-teknoloġija.

Hekk kif għadd ta' pajjiżi qed iħallu warajhom il-ħtieġa ta' assistenza bilaterali għall-iżvilupp, qed ifittxu forom oħra ta' kooperazzjoni. Fil-qasam tat-teknoloġija u l-innovazzjoni, jekk l-UE trid tibqa' msieħeb strateġiku u tkompli tkun fuq quddiem fl-istandards globali, għandha tkun kapaċi tibni sħubiji f'dawn l-oqsma fuq il-bażi ta' interess reċiproku.

Il-projezzjoni esterna tal-linji ta' politika interni tal-UE għaldaqstant se tiġi integrata għal kollox fl-ipprogrammar tal-Istrument ta' Sħubija. Fil-limitu tal-pakkett finanzjarju limitat tiegħu, jista' jikkomplementa d-dimensjoni esterna tal-politiki interni mwettqa taħt programmi oħra tal-UE (bħal azzjoni taħt il-Programm ta' Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Programm għall-Kompetittività u l-SMEs inkluża l-kooperazzjoni dwar it-Turiżmu, il-Fond tal-Migrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna kif ukoll il-Programm "Erasmus għal Kulħadd", ) sabiex jiġi evitat kwalunkwe xogħol doppju. Dan jista' jappoġġa wkoll linji ta' politika esterni oħra tal-UE bħalma hu l-kummerċ. Il-koerenza u l-komplementarjetà ma' strumenti ġeografiċi ta' azzjoni esterna oħrajn, b'mod partikolari l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, se jitqiesu matul l-istadju ta' programmazzjoni filwaqt li jiġu integrati l-prinċipji ta' distinzjoni u konċentrazzjoni.

## 2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni Ewropea organizzat konsultazzjoni pubblika dwar il-finanzjament futur għall-azzjoni esterna tal-UE bejn is-26 ta' Novembru 2010 u l-31 ta' Jannar 2011. Dan il-proċess kien ibbażat fuq kwestjonarju onlajn akkumpanjat minn dokument ta' sfond 'X'finanzjament għall-azzjoni esterna tal-UE wara l-2013?' imħejji mill-Kummissjoni u l-persunal tal-SEAE.

Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu (madwar 70 %) ikkonfermaw li l-assistenza finanzjarja tal-UE pprovdiet valur miżjud sostanzjali fl-oqsma ewlenin ta' politika appoġġjati permezz ta' strumenti finanzjarji tal-UE għal azzjoni esterna[3]. Ħafna semmew il-valur miżjud tal-UE bħala l-mutur ewlieni għall-futur: huma kkunsidraw li l-UE għandha tagħmel użu minn dan il-vantaġġ komparattiv — marbut mal-preżenza globali, il-kompetenza wiesgħa, in-natura sopranazzjonali tagħha, ir-rwol tagħha bħala faċilitatur ta' koordinazzjoni — u l-ekonomiji ta' kobor.

Kważi dawk kollha li wieġbu (92 %) appoġġjaw approċċ aktar varjat, imfassal skont is-sitwazzjoni tal-pajjiż benefiċjarju u fuq il-bażi ta' kriterji sodi u ġbir effiċjenti tad-data, sabiex jiżdied l-impatt tal-istrumenti finanzjarji tal-UE.

Kien hemm varjetà ta' opinjonijiet dwar is-simplifikazzjoni tal-istrumenti u l-bilanċ bejn strumenti ġeografiċi u tematiċi. Ħafna beżgħu li t-tnaqqis fin-numru ta' programmi tematiċi

[3] jiġifieri l-paċi u sigurtà, it-tnaqqis tal-faqar, l-għajnuna umanitarja, l-investiment fl-istabbiltà u t-tkabbir fil-pajjżi tat-tkabbir u l-viċinat, l-indirizzar tal-isfidi globali, il-promozzjoni tal-istandards u l-valuri tal-UE u internazzjonali, u l-appoġġ għat-tkabbir u l-kompetittività barra mill-pajjiż

tal-UE jista' jimplika tnaqqis fl-ammont globali disponibbli għal azzjoni tematika, u talbu minflok għal simplifikazzjoni tar-regoli li jirregolaw l-aċċess għall-finanzjament tematiku u l-implimentazzjoni tiegħu. Iż-żieda fil-flessibbiltà ġeografika tal-istrumenti tal-UE kienet appoġġjata minn maġġoranza sinifikanti bħala mod kif wieħed jista' jirreaġixxi għall-isfidi interreġjonali.

Meta mitluba biex jagħtu prijorità lill-oqsma differenti ta' interess, ħafna mill-partijiet interessati semmew 'l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja, it-tkabbir ekonomiku' u 'l-promozzjoni tal-kummerċ u l-investimenti', segwiti minn 'l-enerġija, l-effiċjenza tar-riżorsi u t-tibdil fil-klima' u 'l-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali (tkabbir inkluživ u xogħol deċenti)'.

Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu qablu wkoll li s-settur privat huwa l-kontributur ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku u għaldaqstant, jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tkabbir sostenibbli. Għal din ir-raġuni huma rrakkomandaw involviment aktar estensiv tal-UE mal-komunità tan-negozju bħala msieħba fl-UE u fil-pajjiżi terzi sabiex is-settur privat jiġi involut dejjem aktar — kemm finanzjarjament kif ukoll fil-ġbir ta' għarfien — bħala mutur għall-iżvilupp sostenibbli.

Bosta qablu li l-ipprogrammar konġunt u l-kofinanzjament mal-Istati Membri jistgħu jżidu l-impatt u l-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE, jissimplifikaw l-għoti tal-għajnuna u jnaqqsu l-ispejjeż globali tat-tranżazzjonijiet.

Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, konċentrazzjoni akbar fuq l-attivitajiet ta' monitoraġġ matul l-implimentazzjoni tal-proġetti u tal-programmi kif ukoll simplifikazzjoni akbar tar-regoli li jirregolaw il-finanzjament estern irċevew approvazzjoni wiesgħa bħala mezz biex jiġi żgurat li l-istrumenti esterni tal-UE jagħtu l-impatt mistenni.

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati kienu favur iż-żieda tal-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni sabiex ikabbru l-profil tal-finanzjament estern mill-UE, b'mod partikolari fil-pajjiżi benefiċjarji. Madankollu l-viżibbiltà tal-UE tidher li hija milħuqa aħjar permezz ta' politiki effettivi, strateġiji u preżenza fil-pajjiżi terzi, milli permezz ta' nfiq addizzjonali fuq il-komunikazzjoni. L-idea tat-tisħiħ tar-rwol ta' koordinazzjoni tal-UE fost donaturi oħra u tal-iżgurar li l-imsieħba ta' implimentazzjoni jagħtu viżibbiltà akbar lill-finanzjament mill-UE kienet irċiviet appoġġ qawwi wkoll.

Qabel is-sottomissjoni ta' din il-proposta għall-Istrument tas-Sħubija, il-Kummissjoni kkunsidrat erba' għażliet ta' linja politika: il-waqfien tal-ICI; iż-żamma tal-istatus quo; l-emenda tad-DCI sabiex jippermetti nfiq li mhuwiex assistenza uffiċjali għall-iżvilupp; jew it-tnedija ta' strument ġdid li jkun ibbażat fuq l-ICI/ICI+.

Wara evalwazzjoni bir-reqqa, la l-waqfien tal-ICI u lanqas iż-żamma tal-istatus quo ma tqiesu bħala soluzzjonijiet politikament vijabbli. Jekk wieħed jillimita n-nefqa b'mod esklussiv għal azzjoni marbuta ma' li jittaffa l-faqar jew li tinżamm din l-attenzjoni unika għall-kooperazzjoni mal-ekonomiji emerġenti, ikun qed jillimita artifiċjalment l-azzjoni esterna u jittraskura l-interessi ewlenin tal-UE.

L-għażla li jiġi emendat l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp sabiex tkun permessa nefqa mhux relatata mal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp ikollha l-vantaġġ ta' koerenza ġeografika (strument wieħed għal kull pajjiż), iżda d-diffikultajiet fil-ġestjoni ta' strument b'żewġ għanijiet differenti ħafna kienu meqjusa bħala xkiel kbir.

## Valutazzjoni tal-impatti

### Ekonomiċi:

L-introduzzjoni ta' Strument ta' Sħubija ġdid għandha tipprovdi lill-UE b'opportunità oħra sabiex tippromwovi l-impriżi (b'mod partikolari l-SMEs) u l-prodotti tagħha. Dan jista' jappoġġa n-negozji tal-UE f'pajjiżi terzi, billi jipprovdi inċentivi għall-kompetittività u l-innovazzjoni tal-UE kumplimentari għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Programm għall-Kompetittività u l-SMEs u taħt Orizzont 2020 (ir-riċerka u l-innovazzjoni). Dan jista' jappoġġa l-kummerċ u l-investiment internazzjonali tal-UE li mbagħad jista' jiffaċilita l-investimenti barranin lejn l-UE. Jista' jkollu rwol anki fil-kummerċ u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar billi jippomwovi l-prattiki ta' kummerċ u investiment responsabbli mill-imsieħba tagħna f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-pajjiżi ifqar li qed jiżviluppaw. Ħafna oqsma ta' kooperazzjoni jistgħu jiġu segwiti inkluż it-tibdil fil-klima[4], l-enerġija, l-ambjent, l-approssimazzjoni tar-regolamenti tekniċi u l-istandardizzazzjoni, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-dejta personali, l-aħjar prattiki fi kwistjonijiet ekonomiċi, kummerċjali, tal-investimenti, fiskali u finanzjarji u t-turiżmu. Dan jista' jsaħħaħ is-sigurtà ekonomika tal-UE u joħloq impjiegi ġodda li, finalment, jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku. L-Istrument il-ġdid jista' jrawwem forom żvilippati sew ta' kooperazzjoni ekonomika bejn l-UE u pajjiżi msieħba. F'dan il-kuntest, dan jippermetti lill-UE tiżgura li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-programmi jikkunsidraw b'mod adegwat il-valuri ambjentali, tal-enerġija sostenibbli, soċjali, tal-impjieg u valuri oħra ta' għajnuna soċjali.

### Soċjali:

Permezz tal-allinjament tal-istrumenti finanzjarji tal-UE u tal-Istati Membri u permezz tal-appoġġ ta' attivitajiet konġunti ma' donaturi bilaterali u multilaterali oħra, l-Istrument il-ġdid jista' jkollu impatt sinifikanti fuq it-tessut soċjali tal-pajjiżi emerġenti. Dan jista' jappoġġja r-riformi tas-sistemi tal-għajnuna soċjali, il-politiki nazzjonali tal-impjieg, il-politiki tat-taħriġ nazzjonali u tal-iżvilupp tal-ħiliet, il-programmi ta' edukazzjoni, programmi ta' bini tal-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni u l-miżuri għat-tisħiħ tax-"xbieki" tas-sigurtà nazzjonali. Il-ħolqien ta' iktar impjiegi "ħodor" għandu jżid id-dħul u jsaħħaħ l-istrateġiji ta' koeżjoni soċjali u li jtaffu l-faqar fil-livell nazzjonali. F'dan ir-rigward, għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-aġenda soċjali internazzjonali promossa mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tan-NU u l-G8/G20.

### Ambjentali:

Is-Sħubiji tal-UE taħt l-Istrument il-ġdid ser ikollhom l-għan li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw it-tkabbir u s-sostenibbiltà ambjentali fit-tul. F'dan ir-rigward, l-Istrument il-ġdid huwa mistenni li jkollu rwol ewlieni fl-għoti ta' appoġġ għall-azzjonijiet u d-djalogi politiċi ambjentali u li huma relatati mat-tibdil fil-klima kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi msieħba. L-Istrument jista' jappoġġja mudell ta' negozju b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju billi jipprovdi inċentivi lis-settur privat Ewropew. Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati pożittivi tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti COP-16 dwar it-Tibdil fil-Klima f'Cancún, dan jista' jintuża biex jgħin lin-negozji tal-UE jiżviluppaw politiki effettivi u li jinvolvu ftit spejjeż sabiex jintlaħqu miri

---

4 "Il-Politika tal-Enerġija tal-UE: Involviment ma' Msieħba lil hinn mill-fruntieri tagħna". COM(2011) 539 tas-7.09.2011

favur l-ambjent fil-pajjiżi msieħba. Dan ikun qed jgħin ukoll lill-ekonomiji tal-pajjiżi msieħba biex jaħsdu l-benefiċċji kollha ambjentali, ekoloġiċi u ta' effiċjenza fl-enerġija li ġġib magħha innovazzjoni. Jista' jippromwovi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u li tuża r-riżorsi b'effiċjenza. Iż-żieda fid-domanda għall-prodotti bażiċi fil-pajjiżi emerġenti tfisser li hemm il-bżonn li jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki tas-settur privat u politiki tal-akkwist aktar ekoloġiċi. L-Istrument jista' jippermetti l-kooperazzjoni biex jinkiseb għarfien aħjar tal-ispejjeż ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mit-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi f'pajjiżi ta' importanza globali.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Fid-diskussjonijiet li saru mill-awtorità leġiżlattiva rigward il-proposta tal-Kummissjoni fuq l-ICI+ (COM/2009/197) u wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, intlaħaq ftehim bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar l-użu tal-Artikoli 207(2) u 209(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jitwettqu attivitajiet lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għall-pajjiżi "li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw", jintuża l-Artikolu 212(2) tat-TFUE.

Barra minn dan il-ftehim, l-Istrument ta' Sħubija propost għalhekk se jkun ibbażat fuq taħlita tat-tliet Artikoli tat-TFUE li ġejjin: L-Artikoli 212(2), 207(2) u 209 (1).

L-UE għandha ħafna ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi msieħba madwar id-dinja kollha, li mhumiex milħuqa mill-Istati Membri individwali, li jagħtu lill-Unjoni influwenza fi kważi kull qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali. B'27 Stat Membru li jaġixxu fi ħdan politiki u strateġiji komuni, l-UE għandha l-massa kritika biex twieġeb għall-isfidi globali. L-UE hija wkoll f'pożizzjoni unika biex tippromwovi normi u standards tal-UE, u tibdilhom fi standards globali permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali.

L-Istrument ta' Sħubija propost se joffri valur miżjud akbar meta mqabbel mas-sitwazzjoni eżistenti peress li jħaddan l-istrateġija "Ewropa 2020" li hi bbażata fuq il-kooperazzjoni orjentata lejn it-tkabbir ekoloġiku, b'enfasi akbar fuq l-interessi tal-UE fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi emerġenti u industrijalizzati u attenzjoni akbar fuq it-titjib tal-klima għan-negozju, l-investiment, il-kummerċ u r-riċerka u l-innovazzjoni. Dan għandu jiżviluppa aġenda proattiva ta' interessi reċiproċi mal-pajjiżi msieħba b'fokus speċifiku fuq l-Imsieħba Strateġiċi tal-UE.

L-Istrument il-ġdid ta' Sħubija jissodisfa aħjar ukoll l-impenji tal-UE lejn pajjiżi terzi li kkonkludiet magħhom Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni/ ta' Qafas. Dan se jkun qed iżid il-kredibbiltà u l-konsistenza lill-politika esterna tal-UE li torbot il-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tagħha ma' attivitajiet speċifiċi ta' kooperazzjoni. Fi ħdan il-qafas tal-ftehimiet, l-Istrument ta' Sħubija jista' jaġixxi wkoll bħala katalista għal proġetti konġunti tal-UE u l-Istati Membri peress li l-UE u l-Istati Membri huma marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħhom. Fl-aħħar nett, dan se jappoġġja l-politika reġjonali u bilaterali tal-UE, kif ukoll l-impenji tal-UE lejn proċessi u korpi reġjonali u internazzjonali ta' kooperazzjoni.

L-attivitajiet ekonomiċi ta' kooperazzjoni, id-djalogi kummerċjali u forom oħra ta' azzjonijiet ekonomiċi esterni tal-UE jistgħu jkunu għodda politika barranija qawwija. Dawn jistgħu jikkontribwixxu biex jipprojettaw l-viżibbiltà u l-influwenza tal-UE esternament. Dan jista' jkun ta' appoġġ għall-ambizzjoni tal-Ewropa li ssir attur ekonomiku u politiku ewlieni fix-xena internazzjonali kemm bilateralment kif ukoll ma' korpi multilaterali bħall-G20.

Barra minn hekk, azzjoni konġunta mal-Istati Membri tal-UE u modi innovattivi ta' mobilizzazzjoni tar-riżorsi jistgħu jsiru aktar frekwenti u fattibbli taħt l-Istrument ta' Sħubija milli fis-sitwazzjoni attwali taħt l-ICI. Aktar flus se jkunu disponibbli għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' kofinanzjament f'kooperazzjoni mal-għajnuna bilaterali tal-Istati Membri tal-UE jew il-korpi jew aġenziji finanzjarji. L-ipprogrammar multiannwali jippermetti negozju aktar strutturat u integrat. Is-sħubiji pubbliċi u privati jaf ikunu jistgħu jinkisbu aktar, billi jinvolvu bosta partijiet interessati mill-komunità Ewropea tan-negozju. It-taħlit tal-għotjiet u s-self jaf isir ukoll għażla preferuta kull fejn ikun rilevanti.

**Għażla ta' Strument**

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li jekk l-ambitu tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jiġi estiż biex ikopri azzjoni mhux ta' żvilupp, dan joħloq ir-riskju ta' tensjoni bejn l-għanijiet differenti, u jista' jwassal għal dewmien sinifikanti fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni. Hija tirrakkomanda li jinħoloq strument uniku globali ġdid li jiffoka fuq id-difiża tal-interessi ewlenin tal-UE u l-indirizzar tal-isfidi ta' tħassib globali b'kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet definiti b'mod ċar. Għaldaqstant, il-kummissjoni tirrakkomanda li jiġi propost strument ġdid.

Il-preżentazzjoni ta' proposta għal strument ġdid hija kkunsidrata l-aħjar alternattiva. Hemm kunsens wiesa' dwar li jkompli jinbena s-sett attwali ta' strumenti finanzjarji, għalkemm huwa meħtieġ li jiġu riflessi l-bidliet istituzzjonali li ġab it-Trattat ta' Lisbona. Skont din l-alternattiva, l-istruttura attwali tal-istrumenti, li ġiet kemm il-partijiet interessati kif ukoll l-Istati Membri tal-UE jikkunsidrawha pertinenti u adegwata, għandha tibqa' fil-biċċa l-kbira l-istess. Madankollu, Strument ta' Sħubija ġdid li jkollu piż globali u għanijiet speċifiċi se jikkontribwixxi għall-adattament profond tal-metodi eżistenti tat-tfassil tal-politiki, l-ipprogrammar u t-twassil ta' riżultati.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-allokazzjoni finanzjarja proposta għall-Istrument ta' Sħubija jammonta għal EUR 1 131 miljun, fi prezzijiet kurrenti, matul il-perjodu 2014-2020. Dan l-ammont huwa kompatibbli mal-Intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-Qafas Finanzjarju propost għall-2014-2020.

Sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà tiegħu, il-finanzjament għall-attivitajiet ta' edukazzjoni ogħla fil-pajjiżi terzi fil-kuntest tal-"Erasmus għal Kulħadd" se jkun disponibbli, skont l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-UE, permezz ta' żewġ allokazzjonijiet multiannwali li jkopu biss l-ewwel 4 snin u t-3 snin li jifdal rispettivament. Dan il-finanzjament se jkun rifless fl-ipprogrammar indikattiv multiannwali tal-Istrument ta' Sħubija, skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-allokazzjonijiet jistgħu jiġu riveduti fil-każ ta' ċirkostanzi kbar mhux previsti jew tibdil politiku importanti skont il-prijoritajiet esterni tal-UE. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru. [--] "Erasmus għal Kulħadd" tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus għal Kulħadd"[5] se japplika għall-użu ta' dawk il-fondi.

[5] ĠU L …

## 5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

*Simplifikazzjoni*

Waħda mill-prijoritajiet għall-Kummissjoni f'dan ir-Regolament il-ġdid, bħal fi programmi oħra taħt il-Qafas Finanzjarju Multiannwali, hija li tissimplifika l-ambjent regolatorju u tiffaċilita l-aċċess għall-assistenza tal-Unjoni lill-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ. sa fejn dawn ikollhom l-objettivi tar-Regolament.

Ir-Regolament PI il-ġdid ikun jippermetti adozzjoni aktar rapida tal-miżuri ta' implimentazzjoni u għaldaqstant, aktar spazju għall-kooperazzjoni. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, li hija partikolarment sostanzjali fir-rigward tad-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-azzjoni esterna, se tiffaċilita l-parteċipazzjoni minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-SMEs fil-programmi ta' finanzjament, pereżempju billi jiġu ssimplifikati r-regoli, jitnaqqsu l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni u jitħaffu l-proċeduri tal-għoti. Il-Kummissjoni beħsiebha timplimenta dan ir-Regolament billi tuża l-proċeduri flessibbli l-ġodda stipulati fir-Regolament Finanzjarju revedut.

Ir-regoli ta' implimentazzjoni jinstabu fir-Regolament (UE) Nru. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [--] li jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna.

2011/0411 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207(2), 209(1) u 212 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ttrażmettew l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi wieħed mill-istrumenti li jipprovdu appoġġ dirett għall-politiki esterni tal-Unjoni Ewropea. Se jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ICI)[6].

(2) Matul l-aħħar għaxar snin, l-UE saħħet b'mod konsistenti r-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' firxa wiesgħa ta' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli fir-reġjuni differenti tad-dinja, primarjament fl-Amerika ta' Fuq, l-Asja tal-Lvant u l-Awstralasja, iżda wkoll fl-Asja tax-Xlokk u r-reġjun tal-Golf.

(3) Barra minn hekk, mill-2007 l-Unjoni saħħet u approfondiet il-kooperazzjoni u s-sħubija tagħha ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u ma' dawk li qegħdin fi tranżizzjoni fl-Asja, l-Asja Ċentrali, u l-Amerika Latina u mal-Iraq, l-Iran, il-Jemen, u l-Afrika t'Isfel fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI).

(4) L-ambitu tal-kooperazzjoni skont il-programmi ġeografiċi mal-pajjiżi, territorji u reġjuni li qed jiżviluppaw, stabbiliti skont l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp huwa limitat għal miżuri ta' finanzjament maħsubin biex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) stabbiliti mill-Kumitat tal-Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (DAC/OECD).

---

6 ĠU L 405, 30.12.2006.

(5) Ġew stabbiliti azzjonijiet preparatorji bħal djalogi kummerċjali, promozzjoni tal-kummerċ u skambji xjentifiċi sabiex tissaħħaħ u tiġi approfondita l-kooperazzjoni f'oqsma barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp mal-Indja u ċ-Ċina u mal-pajjiżi fil-grupp ta' dawk bi dħul medju fl-Asja u fl-Amerika Latina.

(6) Barra minn hekk, l-Unjoni qed issaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' pajjiżi oħrajn dejjem aktar prominenti li qed jiżviluppaw u bi dħul medju fl-Asja u l-Amerika Latina billi tespandi s-sħubija ta' kooperazzjoni u d-djalogi ta' politika għal oqsma u suġġetti lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Fil-każ tar-Russja, ir-relazzjonijiet evolvew wkoll, inkluż permezz tas-Sħubija bejn l-Unjoni u r-Russja għall-Modernizzazzjoni, li tenfasizza l-importanza tar-Russja bħala msieħeb strateġiku għall-Unjoni kemm fir-relazzjonijiet bilaterali kif ukoll fil-kwistjonijiet globali.

(7) Huwa fl-interess tal-UE li tkompli tapprofondixxi r-relazzjonijiet tagħha ma' msieħba li qed ikollhom rwol dejjem aktar importanti fl-ekonomija u l-kummerċ internazzjonali, fil-kummerċ u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar, fil-fora multilaterali inkluż il-Grupp ta' Għoxrin Ministru tal-Finanzji u Gvernatur tal-Banek Ċentrali (G20), fil-governanza globali u fl-indirizzar tal-isfidi ta' tħassib globali. L-UE teħtieġ tibni sħubiji komprensivi ma' atturi ġodda fix-xena internazzjonali, sabiex tippromwovi ordni internazzjonali stabbli u inklużiv, issegwi l-beni pubbliċi globali komuni, u tiddefendi l-interessi ewlenin tal-UE kif ukoll għarfien akbar dwar l-UE f'dawn il-pajjiżi.

(8) L-UE teħtieġ strument finanzjarju ta' ambitu globali li jippermetti l-finanzjament ta' miżuri li jaf ma jikkwalifikawx bħala ODA iżda li huma importanti ħafna għat-tisħiħ u l-konsolidazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi msieħba kkonċernati, b'mod partikolari permezz ta' djalogi politiċi u l-iżvilupp ta' sħubijiet.

(9) Minkejja l-enfasi speċifiku fuq l-atturi globali, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkun li jiffaċilita l-appoġġ madwar id-dinja għal miżuri ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti skont l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

(10) Fl-istrateġija "Ewropa 2020"[7] l-Unjoni tenniet l-impenn miżmum tagħha li fil-politiki interni u esterni tagħha tippromwovi t-tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli sabiex jitwaħħdu tliet pilastri: ekonomiku, soċjali u ambjentali.

(11) Fir-rigward tal-imsieħba tagħha madwar id-dinja, l-Unjoni ħadet l-impenn li tippromwovi x-xogħol deċenti għal kulħadd flimkien mar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti fil-livell internazjonali u l-ftehimiet ambjentali multilaterali.

(12) B'mod partikolari, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija rikonoxxuta bħala waħda mill-isfidi l-kbar li l-Unjoni tikkonfronta u l-qasam fejn hija meħtieġa azzjoni internazzjonali urġenti. Skont l-għan iddikkjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

7 "Ewropa 2020": Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" COM (2010) 2020.

"Baġit għall-Ewropa 2020"[8] ta' żieda fis-sehem mill-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal tal-inqas 20%, ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal dak il-għan.

(13) L-Unjoni ħadet l-impenn li tgħin sabiex jintlaħqu l-miri globali tal-2020 dwar il-bijodiversità u sabiex tagħti riżultati rigward l-Istrateġija assoċjata għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi.

(14) Skont dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tappoġġja l-implimentazzjoni tal-istrateġija "Ewropa 2020", b'mod partikolari dawk l-objettivi relatati mat-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni għal ekonomija aktar ekoloġika u l-użu effiċjenti tar-riżorsi, il-kummerċ u l-investiment, in-negozju u l-kooperazzjoni regolatorja ma' pajjiżi terzi, u għandha tippromwovi d-diplomazija pubblika, il-kooperazzjoni edukattiva/akkademika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni.

(15) Il-promozzjoni ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni u sħubija diversifikati fi strument uniku, għandha barra minn hekk tippermetti ekonomiji ta' kobor, effetti ta' sinerġija, effettività akbar, teħid ta' deċiżjonijiet u ġestjoni aktar simplifikati u grad għoli ta' viżibbiltà għall-azzjonijiet esterni tal-Unjoni.

(16) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament huwa meħtieġ li jiġi segwit approċċ differenzjat u flessibbli billi jiġu żviluppati mudelli għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi msieħba ewlenin li jikkunsidraw il-kuntesti ekonomiċi, soċjali u politiċi tagħhom kif ukoll l-interessi speċifiċi tal-Unjoni, il-prijoritajiet u l-istrateġiji tal-politika, filwaqt li tinżamm il-kapaċità għal intervent madwar id-dinja kull fejn ikun meħtieġ.

*(17)* L-Unjoni għandha tkun kapaċi tirrispondi b'mod flessibbli u f'waqtu għal ħtiġijiet li jevolvu u/jew mhux previsti sabiex tieħu l-impenn tagħha sabiex tippromwovi l-interessi tagħha fir-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi b'mod aktar effettiv, billi tadotta miżuri speċjali mhux koperti mill-programmi indikattivi multiannwali.

(18) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membru u, għaldaqstant, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà u proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintaħqu dawn l-għanijiet.

(19) Sabiex il-kamp ta' appikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi adattat għar-realtà li qed tevolvi malajr fil-pajjiżi terzi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni rigward l-oqsma speċifikati ta' kooperazzjoni definiti fl-Anness. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni għandha twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(20) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni.

[8] COM/2011/500.

Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament Nru 182/2011 tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni[9]. Filwaqt li jikkunsidraw in-natura ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari in-natura ta' orjentament tal-linja politika tagħhom jew tal-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom, il-proċedura ta' eżaminazzjoni għandha fil-prinċipju tintuża għall-adozzjoni tagħhom, ħlief għal miżuri ta' implimentazzjoni tekniċi fuq skala finanzjarja żgħira.

(21) Ir-regoli u l-proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna huma stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru .../...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ..., minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni Komuni’.

(22) L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna huma deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427 UE.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

***Suġġett u għanijiet***

(1) Ir-Regolament jistabbilixxi Strument ta’ Sħubija għall-kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi sabiex jiġu avvanzati u promossi l-interessi tal-UE u dawk reċiproċi. L-Istrument ta’ Sħubija jappoġġja miżuri li jirrispondu b’mod effettiv u flessibbli għall-għanijiet li jirriżultaw minn relazzjonijiet bilaterali, reġjonali jew multilaterali tal-Unjoni ma’ pajjiżi terzi u jindirizza sfidi ta’ tħassib globali.

(2) Il-miżuri li jiġu ffinanzjati taħt dan l-Istrument jirriflettu l-għanijiet speċifiċi tal-Unjoni li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-Istrateġija “Ewropa 2020” billi jiġu appoġġjati l-istrateġiji ta’ sħubiji ta’ kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u interreġjonali tal-UE, bil-promozzjoni ta' djalogi dwar linji ta' politika u billi jiġu żviluppati approċċi u reazzjonijiet kollettivi għall-isfidi ta’ tħassib globali bħas-sigurtà tal-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-ambjent. Dan l-għan jiġi mkejjel permezz tal-użu tal-politiki u l-objettivi tal-“Ewropa 2020” mill-pajjiżi msieħba ewlenin;

(b) it-titjib tal-aċċess għas-suq u l-*iżvilupp ta’ opportunitajiet ta’ kummerċ,* investiment *u negozji* għall-kumpaniji Ewropej permezz ta’ sħubijiet ekonomiċi u kooperazzjoni bejn in-negozji u kooperazzjoni regolatorja. Dan l-għan jiġi mkejjel bis-sehem tal-Unjoni fil-kummerċ barrani mal-pajjiżi msieħba ewlenin u bil-flussi ta’ kummerċ u investimenti lejn il-pajjiżi msieħba fil-mira speċifika tal-azzjonijiet, il-programmi u l-miżuri taħt dan ir-Regolament;

---

9 ĠU L 055, 28.02.2011 P. 013 - 018

(c) tisħiħ fl-għarfien u l-viżibbiltà wiesgħa tal-Unjoni kif ukoll ir-rwol tagħha fix-xena dinjija permezz ta' diplomazija pubblika, il-kooperazzjoni edukattiva/akkademika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tal-Unjoni. Dan l-għan jista' jitkejjel, *inter alia*, permezz ta' stħarriġ jew evalwazzjonijiet tal-opinjonijiet.

*Artikolu 2*

***Kamp ta' applikazzjoni***

(1) Il-pajjiżi terzi, ir-reġjuni u t-territorji kollha jistgħu jkunu eliġibbli għall-kooperazzjoni skont dan ir-Regolament.

(2) Madanakollu, dan ir-Regolament jappoġġja primarjament miżuri ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi żviluppati u li qed jiżviluppaw li għandhom rwol dejjem aktar prominenti fl-ekonomija internazzjonali u l-kummerċ, f'fora multilaterali, fil-governanza globali u fl-indirizzar tal-isfidi ta' tħassib globali u fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti.

*Artikolu 3*

***Prinċipji ġenerali***

(1) L-Unjoni tfittex li tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat ta' dritt li hija mibnija fuqhom permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

(2) Sabiex jissaħħaħ l-impatt tal-għajnuna mill-Unjoni, għandu jiġi segwit approċċ differenzjat u flessibbli, fejn xieraq, fit-tfassil tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi msieħba sabiex jiġu kkunsidrati l-kuntesti ekonomiċi, soċjali u politiċi tagħhom u anki l-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.

(3) Fl-oqsma rispettivi ta' kompetenza tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri jippromwovu approċċ multilaterali għall-isfidi globali u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali jew reġjonali, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji, fondi u programmi tan-Nazzjonijiet Uniti, l-OECD, u l-Grupp tal-Għoxrin Ministru tal-Finanzi u Governatur tal-Bank Ċentrali (G20) u donaturi bilaterali oħra.

(4) Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni timmira li tiżgura l-koerenza u l-konsistenza ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tagħha, b'mod partikolari l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u ma' linji ta' politika rilevanti oħra tal-Unjoni matul il-formulazzjoni tal-linja politika, l-ippjanar strateġiku u l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-miżuri.

(5) Fejn xieraq, il-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament ikunu bbażati fuq il-politiki ta' kooperazzjoni stabbiliti notevolment fi strumenti bħal ftehimiet, dikjarazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi u r-reġjuni kkonċernati, u jkunu jirrigwardaw ukoll oqsma marbuta mal-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-linja politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.

(6) L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament ikun implimentat skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

*Artikolu 4*

***Oqsma ta' kooperazzjoni***

L-oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni li jiġu segwiti mill-għajnuna tal-Unjoni skont dan ir-Regolament huma elenkati fl-Anness. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 7 biex temenda jew tissupplimenta l-Anness.

*Artikolu 5*

***Programmar u Allokazzjoni Indikattiva tal-fondi***

(1) Il-programmi multiannwali indikattivi jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 15 (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. Din il-proċedura tapplika anki għal reviżjonijiet sostanzjali li għandhom l-effett li jibdlu l-istrateġija jew l-ipprogrammar tagħha b'mod sinifkanti.

(2) Il-programmi indikattivi multiannwali jistabbilixxu l-interessi u l-prijoritajiet strateġiċi u/jew reċiproċi tal-Unjoni, l-għanijiet speċifiċi u r-riżultati mistennija. Għall-pajjiżi jew ir-reġjuni li għalihom ikun ġie stabbilit Dokument ta' Qafas Konġunt, li jistabbilixxi strateġija komprensiva tal-Unjoni, il-programmi indikattivi multiannwali jkunu bbażati fuq dan id-dokument.

(3) Il-programmi indikattivi multiannwali jistabbilixxu wkoll l-oqsma ta' prijorità magħżula għall-finanzjament tal-Unjoni u jkunu jiddeskrivu l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva tal-fondi, kemm globalment, għal kull qasam prijoritarju u għal kull pajjiż imsieħeb jew grupp ta' pajjiżi msieħba għall-perjodu kkonċernat inkluża l-parteċipazzjoni f'attivitajiet globali; dawn l-ammonti jistgħu, fejn xieraq, jiġu espressi fil-forma ta' firxa.

(4) Il-programmi indikattivi multiannwali jiġu aġġustati fejn meħtieġ, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe reviżjonijiet f'nofs it-terminu jew ad hoc tad-dokument ta' referenza li huma bbażati fuqu.

(5) Riżerva għall-fondi mhux allokati tista' tiġi stabbilita fil-programmi indikattivi multiannwali. L-allokazzjoni ta' dawn il-fondi tiġi deċiża skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

(6) Il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fil-paragrafu (1) ma tapplikax għal modifikazzjonijiet mhux sostanzjali fil-programmi indikattivi multiannwali, bħal dawk li jagħmlu aġġustamenti tekniċi, jassenjaw il-fondi mill-ġdid fi ħdan l-allokazzjonijiet indikattivi għal kull qasam prijoritarju jew li jżidu jew inaqqsu d-daqs tal-allokazzjoni ġenerali inizjali b'inqas minn 20%, sakemm dawn il-modifiki ma jaffettwawx l-oqsma prijoritarji u l-għanijiet stabbiliti fil-programmi indikattivi multiannwali. Tali aġġustamenti tekniċi jiġu kkomunikati fi żmien xahar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(7) Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni Komuni tista’ tiġi applikata sabiex jiġu modifikati programmi indikattivi multiannwali fejn ikun meħtieġ rispons malajr mill-Unjoni.

*Artikolu 6*

***Kumitat***

Il-Kummissjoni tiġi assistita minn kumitat għall-Istrument ta’ Sħubija. Dak il-kumitat ikun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 7*

***Eżerċizzju ta’ delega***

(1) Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 4 tingħata għall-perjodu ta’ validità ta’ dan ir-Regolament.

(2) Id-delega tas-setgħat tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ il-jum ta’ wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fiha. Dan ma jkollux effett fuq il-validità ta’ kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

(3) Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(4) Att delegat adottat jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta’ dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn lil huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż b’xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 8*

***Ammont ta' referenza finanzjarja***

1. L-ammont ta’ referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun ta’ EUR 1 131 000 000 miljun. L-approprjazzjonijiet annwali jiġu deċiżi mill-awtorità tal-baġit bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali fil-limiti stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali.

2. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, paragrafu 2 tar-Regolament "Erasmus għal Kulħadd," sabiex titmexxa 'l quddiem id-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni ogħla, ammont indikattiv ta' EUR 1 812 100 000 mill-istrumenti esterni differenti (Strument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), ikun allokat għal azzjonijiet ta' mobbiltà tat-tagħlim lejn jew mill-pajjiżi tal-UE u għad-djalogu ta' kooperazzjoni u linja politika mal-

awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd" japplikaw għall-użu ta' dawk il-fondi.

Il-finanzjament ikun disponibbli permezz ta' żewġ allokazzjonijiet multiannwali li jkopru biss l-ewwel 4 snin u t-3 snin li jifdal rispettivament. Dan il-finanzjament ikun rifless fl-ipprogrammar indikattiv multiannwali ta' dawn l-istrumenti, skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-allokazzjonijiet jistgħu jiġu riveduti fil-każ ta' ċirkostanzi kbar mhux previsti jew tibdil politiku importanti skont il-prijoritajiet esterni tal-UE.

*Artikolu 9*

***Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna***

L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427 UE, li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

*Artikolu 10*

***Dħul fis-seħħ***

*1.* Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Huwa jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

2. Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS

## OQSMA TA' KOOPERAZZJONI DETTALJATI TAĦT L-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA

Sabiex tappoġġa l-għanijiet previsti fl-Artikolu 1, l-għajnuna tal-Unjoni tista' tinkludi, *inter alia*, l-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin:

(a) appoġġ għal inizjattivi speċifiċi, inkluż xogħol ta' riċerka, studji, skemi pilota jew proġetti konġunti maħsuba biex jirrispondu b'mod effettiv u flessibbli għall-għanijiet ta' kooperazzjoni li jirriżultaw mir-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi kkonċernati;

(b) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni, sħubiji u intrapriżi konġunti bejn atturi ekonomiċi, soċjali, kulturali, governattivi u xjentifiċi fl-Unjoni u pajjiżi terzi;

(c) il-faċilitazzjoni ta' (u l-appoġġ ta') relazzjonijiet kummerċjali u proċessi ta' integrazzjoni kummerċjali, inklużi dawk Nofsinhar-Nofsinhar, appoġġ għall-flussi ta' investiment u sħubiji ekonomiċi tal-Unjoni, inkluż enfasi fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(d) il-promozzjoni ta' djalogi politiċi u settorjali li jinvolvu atturi politiċi, ekonomiċi, regolatorji, ambjentali, soċjali, ta' riċerka u kulturali u organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni;

(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni, skambji intellettwali u t-tisħiħ ta' djalogi interkulturali;

(f) il-promozzjoni ta' inizjattivi u azzjonijiet ta' interess tal-Unjoni jew interess reċiproku f'oqsma bħat-tibdil fil-klima, kwistjonijiet ambjentali inklużi l-bijodiversità, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-materji primi, l-enerġija, it-trasport, ix-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-politika tax-xogħħol u soċjali, l-iżvilupp sostenibbli, inkluża l-promozzjoni ta' xogħol deċenti, u r-responsabbiltà korporattiva soċjali, il-kummerċ u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar, l-edukazzjoni, il-kultura, it-turiżmu, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-saħħa, il-ġustizzja, id-dwana, it-tassazzjoni, il-finanzi, l-statistika u kwalunkwe suġġett ieħor marbut mal-interessi speċifiċi tal-Unjoni jew ta' interess reċiproku bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;

(g) it-tisħiħ ta' kuxjenza dwar u l-għarfien tal-Unjoni u tal-viżibbiltà tagħha f'pajjiżi terzi.

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI**</u>

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul u impatt finanzjarju

1.7. Il-metodu/metodi tal-ġestjoni previst(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/linji tal-baġit tan-nefqa affettwata/affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Ġestjoni taċ-ċiklu tal-programm u tal-proġett*

*3.2.5. Il-parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. Estimated impact on revenue

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru …… li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi**

### 1.2. Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[10]

Titolu **19**: **Relazzjonijiet esterni**

**Attività 19 05**: **Relazzjonijiet u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati.**

It-titolu ta' dan il-kapitolu tal-baġit 19 05 jikkorrispondi mal-istruttura attwali tal-istrumenti finanzjarji 2007-2013. Huwa propost li tinżamm l-istess attività 19 05 iżda li jiġi mibdul it-titolu ta' dan il-kapitolu għall-perjodu 2014-2020 kif ġej:

***19 05 : Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi taħt l-Istrument ta' Sħubija***

### 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[11]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estenzjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għanijiet

#### *1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Dan l-istrument ta' finanzjament għandu l-għan li jappoġġja l-għan strateġiku li ġej kif dikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020 – Parti II" tad-29 ta' Ġunju 2011 (COM/2011/500 – Baġit għall-Istrateġija Ewropa 2020 - Parti II. Fiche tal-linja Politika "Azzjoni Esterna", p. 42):

"Il-projezzjoni tal-linji politiki tal-UE b'appoġġ għall-indirizzar ta' sfidi globali ewlenin bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità, u l-protezzjoni tal-beni pubbliċi u tar-riżorsi globali għandhom jissaħħu ulterjorment. Il-Kummissjoni tipproponi li tiżviluppa aġenda proattiva tal-interessi tal-UE u ta' dawk reċiproċi ma' pajjiżi terzi, b'enfasi speċifika fuq l-imsieħba strateġiċi."

[10] ABM: Ġestjoni bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar ibbażat fuq l-Attività.
[11] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati*

Taħt l-attività 19 05, it-tliet għanijiet speċifiċi li ġejjin għandhom jiġu segwiti:
1) l-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-istrateġija "Ewropa 2020" permezz ta' appoġġ għall-istrateġiji ta' sħubija għall-kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u interreġjonali tal-Unjoni, billi jiġu promossi d-djalogi politiċi u billi jiġu żviluppati approċċi u reazzjonijiet kollettivi għall-isfidi ta' tħassib globali.

2) it-titjib tal-aċċess għas-suq u *l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' kummerċ,* investiment *u negozju* għall-kumpaniji Ewropej permezz ta' sħubijiet ekonomiċi u kooperazzjoni bejn in-negozji u kooperazzjoni regolatorja.

3) It-tisħiħ tal-preżenza b'saħħitha tal-Ewropa fl-ekonomija globali u r-rwol tagħha fix-xena dinjija permezz tal-appoġġ għad-diplomazija pubblika, kooperazzjoni edukattiva/akkademika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u n-networks li jippromwovu l-valuri u l-interessi tal-UE.

L-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati

L-attività 19 05 għandha tiġi "intitolata mill-ġdid" kif ġej: ***Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi taħt l-Istrument ta' Sħubija***

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni(ja)*

Strument ta' Sħubija innovattiv jippermetti lill-UE tmexxi 'l quddiem il-linji ta' politika tagħha madwar id-dinja.

*Impatt fuq l-ekonomija tal-UE u d-djalogi ekonomiċi tal-UE mal-pajjiżi msieħba*

L-implimentazzjoni ta' Strument ta' Sħubija ġdid għandha tipprovdi lill-UE b'opportunità oħra sabiex tippromwovi l-impriżi (b'mod partikolari l-SMEs) u l-prodotti tagħha. Dan joħloq il-possibbiltà finanzjarja ta' appoġġ għan-negozju tal-UE f'pajjiżi terzi, billi jiġu pprovduti inċentivi għall-kompetittività u l-innovazzjoni b'mod li għandhom jibqgħu komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm tal-Kompetittività u l-SMEs u taħt Orizzont 2020 (riċerka u innovazzjoni), jappoġġja l-kummerċ u l-investiment internazzjonali tal-UE li, imbagħad, jista' jwassal għall-faċilitazzjoni tal-investiment barrani fl-UE. Diversi oqsma ta' kooperazzjoni jistgħu jiġu segwiti inkluż it-tibdil fil-klima, l-ambjent, l-approssimazzjoni tar-regolamenti tekniċi u l-istandardizzazzjoni, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-dejta personali, l-aħjar prattiki fi kwistjonijiet ekonomiċi, kummerċjali, tat-taxxa u finanzjarji, il-kummerċ u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar. Għaldaqstant, is-sigurtà ekonomika tal-UE tista' tissaħħaħ u jistgħu jinħolqu impjiegi ġodda li, finalment, jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku.

Dan l-Istrument jista' jsaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-pajjiżi msieħba li jkollhom impatt pożittiv fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-UE, ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali mal-bqija tad-dinja filwaqt li jkun konsistenti ma' prinċipji ta' aċċess għas-suq/tas-suq miftuħ. Bħala tali, dan jista' jikkontribwixxi wkoll biex inaqqas ir-riskju ta' protezzjoniżmu kif ukoll jappoġġja l-kompetittività internazzjonali u l-proċess kontinwu ta' globalizzazzjoni filwaqt li jiżgura li l-pajjiżi kollha jibbenefikaw b'mod konformi mal-prinċipji tal-istrateġija "Ewropa 2020".

L-Istrument ta' Sħubija l-ġdid jikkontribwixxi wkoll biex jappoġġja l-kompetittività tal-UE permezz ta' żvilupp fil-mira tar-riżorsi umani: id-disponibilità ta' nies b'ħiliet kbar u l-kapaċità tagħhom għall-innovazzjoni u li jwettqu żvilupp xjentifiku u teknoloġiku hija pre-rekwiżit għall-prosperità ekonomika.

*Impatt ekonomiku fuq il-pajjiżi msieħba*

L-Istrument il-ġdid jista' jrawwem forom żviluppati sew ta' kooperazzjoni ekonomika bejn l-UE u pajjiżi msieħba. F'dan il-kuntest, dan jippermetti lill-UE tiżgura li l-valuri ambjentali, tal-enerġija sostenibbli, soċjali, tal-impjieg u valuri oħra ta' għajnuna soċjali jiġu kkunsidrati b'mod adegwat fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programm ta' linja politika.

Iż-żieda fl-investiment mill-kumpaniji tal-UE tikkontribwixxi wkoll għal tkabbir ekonomiku fil-pajjiż ospitanti. Azzjonijiet immirati biex jippromwovu r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva se jtejbu r-regoli soċjali, tax-xogħol u ambjentali u l-implimentazzjoni fil-pajjiż imsieħeb.

Permezz tal-kontribuzzjoni ta' assistenza teknika, l-Istrument jista' jidentifika mezzi sostenibbli għall-konsolidazzjoni fiskali tat-tkabbir, biex b'hekk jgħin lill-pajjiżi fl-isforzi biex jiksbu kontroll tal-kontijiet tagħhom. Dan jista' jappoġġja wkoll l-inizjattivi li jtejbu l-effiċjenza amministrattiva, l-użu produttiv tal-ħlasijiet tal-ħaddiema u li jippromwovu investimenti ġodda u trasferimenti tat-teknoloġija fil-programmi nazzjonali ta' industrijalizzazzjoni jew żviluppi infrastrutturali sabiex tiġi promossa l-effiċjenza tar-riżorsi u s-sostenibbiltà, inkluż fil-produzzjoni u l-użu tal-enerġija.

*Impatt fuq il-governanza ekonomika*

*L-Istrument ta' Sħubija huwa mistenni wkoll li jkollu impatt fuq il-governanza ekonomika.* Permezz tal-kriżi, ittieħdu lezzjonijiet iebsa dwar il-limiti tas-swieq. Dan talab li jiġi rivedut ir-rwol tal-gvern, permezz ta' definizzjoni mill-ġdid tal-bilanċ bejn l-istat u s-suq u t-tiftix għal modi biex tingħata spinta lill-fiduċja taċ-ċittadini fit-tnejn li huma.

Il-kriżi wriet li l-politiki pubbliċi huma l-ankra kruċjali tal-ekonomiji nazzjonali fi żminijiet ta' taqlib ekonomiku hekk kif il-gvernijiet waqqfu t-tisbita 'l-isfel tas-suq finanzjarju u evitaw katastrofi finanzjarja. Madankollu, il-pressjonijiet fiskali li jirriżultaw f'ħafna pajjiżi żiedu l-bżonn li jinqata' l-infiq pubbliku, li f'ħafna każijiet ifisser is-simplifikazzjoni tal-istat. Dan l-isforz jitlob li jsir evalwazzjoni mill-ġdid tar-rwol li għandu l-intervent tal-gvern sabiex tinkiseb governanza aħjar u aktar effettiva, istituzzjonijiet sodi u regoli u proċeduri effettivi.

*Kwistjoni importanti oħra ta' governanza tirreferi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-trasparenza u l-integrità.* L-Istrument il-ġdid jista' jiġi indirizzat lejn it-titjib tal-għodod ta' kontra l-korruzzjoni u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tagħhom. Inizjattivi ġodda jistgħu jtejbu l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet kontra l-korruzzjoni u ta' trasparenza madwar id-dinja kif ukoll il-konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali, "l-aqwa prattiki" u linji gwida rilevanti.

Fl-aħħar nett, il-promozzjoni tal-involviment sħiħ tal-imsieħba strateġiċi fit-tfassil tal-politika u l-governanza globali u ambjentali speċjalment fir-rigward għall-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali se tkun kruċjali għall-promozzjoni ta' bidla ekonomika sostenibbli.

*L-impatt soċjali fuq l-ekonomija tal-UE*

L-ambizzjoni tal-UE hi li tindirizza l-politiki soċjali interkonnessi u tidentifika orjentazzjonijiet strateġiċi li jmorru lil hinn mit-tkabbir. Dan jista' jiġi mtejjeb permezz tal-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi msieħba, it-tisħiħ tal-oqfsa regolatorji nazzjonali u internazzjonali u l-kontribuzzjoni għat-titjib fil-governanza ekonomika nazzjonali, reġjonali jew globali. Dawn l-istrateġiji u approċċi jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-politiki soċjali u tal-impjieg tal-UE bħall-mudell tal-għajnuna soċjali tal-UE għall-protezzjoni soċjali, il-ħolqien ta' impjiegi "ekoloġiċi", l-aġenda soċjali "UE 2020" eċċ. Il-kompetizzjoni li dejjem tikber minn ekonomiji emerġenti tista' tagixxi wkoll bħala

inċentiv strateġiku għall-Ewropa biex talloka aktar riżorsi għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-kwalità tat-tagħlim u r-riċerka u għar-riforma tas-sistemi tal-għajnuna soċjali domestiċi.

*L-impatt soċjali fuq il-pajjiżi msieħba*

Permezz tal-armonizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE u permezz tal-appoġġ ta' attivitajiet konġunti ma' donaturi bilaterali u multilaterali oħra, l-Istrument il-ġdid jista' jkollu impatt importanti fuq it-tessut soċjali tal-pajjiżi emerġenti. Dan jista' jipprovdi appoġġ għar-riforma tas-sistemi ta' għajnuna soċjali, il-politiki nazzjonali tal-impjieg, il-politiki tat-taħriġ nazzjonali u tal-iżvilupp tal-ħiliet, l-edukazzjoni, il-programmi u l-bini tal-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni u t-tisħiħ tax-"xbieki" tas-sikurezza nazzjonali. Il-kontribut tiegħu għall-ħolqien ta' iżjed impjiegi "ekoloġiċi", żidiet fid-dħul per capita u strateġiji effettivi ta' koeżjoni soċjali u tnaqqis tal-faqar fil-livell nazzjonali se jkun rilevanti. F'dan ir-rigward, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-aġenda soċjali internazzjonali promossa mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tan-NU u l-G8/G20.

*Impatt ambjentali fuq l-UE u l-pajjiżi msieħba*

Fost il-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-Istrument il-ġdid għas-snin li ġejjin se nsibu x-xogħol tat-tkabbir "ekoloġiku", l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-appoġġ lill-pajjiżi msieħba fil-politiki tagħhom għal triq ta' tkabbir aktar ekoloġiku.

Is-sħubiji tal-UE permezz tal-Istrument il-ġdid se jimmiraw li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw it-tkabbir u s-sostenibbiltà ambjentali fit-tul. F'dan ir-rigward, l-Istrument il-ġdid huwa mistenni li jkollu rwol ewlieni fl-għoti ta' appoġġ għall-azzjonijiet u d-djalogi politiċi ambjentali u li huma relatati mat-tibdil fil-klima kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi msieħba.

L-Istrument jista' jappoġġja mudell ta' negozju b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju billi jipprovdi inċentivi lis-settur privat Ewropew. Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati pożittivi tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti COP-16 dwar it-Tibdil fil-Klima f'Cancún, dan jista' jintuża biex jgħin lin-negozju fl-UE sabiex jiżviluppa politiki effettivi u li jinvolvu l-anqas spejjeż sabiex jintlaħqu miri li jħarsu l-ambjent fil-pajjiżi msieħba. Dan se jgħin ukoll lill-ekonomiji tal-pajjiżi msieħba biex jaħsdu l-benefiċċji kollha ambjentali, ekoloġiċi u ta' effiċjenza fl-enerġija li ġġib magħha l-innovazzjoni.

L-Istrument jista' jippermetti l-kooperazzjoni sabiex jinftiehmu aħjar l-ispejjeż ekonomiċi u soċjali li joħolqu t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi f'pajjiżi ta' sinifikat globali.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

It-tliet għanijiet speċifiċi se jiġu ssorveljati permezz tat-tliet indikaturi li ġejjin:

1) It-tħaddim ta' linji politiċi u objettivi tal-"Ewropa 2020" minn pajjiżi msieħba strateġiċi ewlenin u influwenza fuq il-formoliazzjoni f'dawn il-pajjiżi.

2) Is-sehem tal-UE fil-kummerċ barrani ma' pajjiżi msieħba ewlenin kif ukoll il-flussi ta' kummerċ u investimenti lejn pajjiżi msieħba fil-mira speċifika ta' azzjonijiet, programmi u miżuri taħt dan ir-Regolament .

3) Perċezzjoni aħjar u għarfien reċiproku msaħħaħ tal-UE fil-pajjiżi msieħba strateġiċi ewlenin murija inter alia permezz ta' stħarriġ u/jew evalwazzjonijiet.

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jintlaħaq/jintlaħqu f'perjodu ta' żmien qasir jew fit-tul*

Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta leġiżlattiva u l-Valutazzjoni tal-Impatt:

L-Istrument ta' Sħubija propost huwa mfassal biex jegħleb il-limitazzjoni tal-kapaċità tal-UE biex tkun involuta internazzjonalment bl-aktar mod effettiv. Dan jippermetti lill-UE ssegwi aġendi lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp b'setgħat ġodda u biex tiddefendi globalment l-aġenda ewlenija tal-UE ma' kwalunkwe pajjiż imsieħeb ieħor jekk ikun hemm bżonn. Meta mqabbla mal-Istrument preċedenti għall-Kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati, il-karatteristiċi ewlenin tal-Istrument ta' sħubija propost huma dawn li ġejjin:

**Kopertura ġeografika: firxa globali**, b'enfasi speċjali fuq l-imsieħba strateġiċi (pajjiżi industrijalizzati, ekonomiji emerġenti, ir-Russja).

**Għan:** Enfasi fuq il-promozzjoni tal-**interessi tal-UE u tal-istrateġija "Ewropa 2020**", permezz ta' rispons b'mod effettiv u flessibbli għall-għanijiet ta' kooperazzjoni li jirriżultaw mir-**relazzjoni bilaterali/reġjonali** tal-Unjoni mal-pajjiżi msieħba u billi jiġu indirizzati **l-isfidi ta' tħassib globali**.

**Oqsma prijoritarji:** dimensjoni internazzjonali tal-istrateġija "Ewropa 2020", djalogi politiċi, sfidi ta' tħassib globali, il-kooperazzjoni kummerċjali u regolatorja, il-kooperazzjoni bilaterali/ trilaterali /reġjonali, id-diplomazija pubblika, kooperazzjoni edukattiva/ akkademika u l-komunikazzjoni.

**Programmar:** mhux marbut mal-ħtiġijiet tal-ODA, il-programmi multiannwali għall-investimenti fit-tul, id-dispożizzjonijiet mhux programmabbli għal rispons rapidu f'ambjenti li jinbidlu u l-azzjonijiet ad hoc.

*1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-UE għandha diversi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi msieħba fid-dinja kollha, li mhumiex milħuqa mill-Istati Membri individwali, li jagħtu lilhom kollha influwenza fi kważi l-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali. B'27 Stat Membru li jaġixxu fil-politiki u l-istrateġiji komuni, l-UE għandha piż kritiku biex tirrispondi għall-isfidi globali. Bħala attur globali l-UE għandha has the kredibbiltà u n-newtralità li mhumiex disponibbli għall-Istati Membri fuq livell individwali. L-UE hija wkoll f'pożizzjoni unika biex tippromwovi normi tal-UE, u tibdilhom fi standards globali permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali.

L-Istrument ta' Sħubija propost se juri titjib fil-valur miżjud meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali peress li jħaddan l-istrateġija "Ewropa 2020" li hi bbażata fuq il-kooperazzjoni orjentata lejn it-tkabbir ekoloġiku, enfasi akbar fuq l-interessi tal-UE fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi emerġenti u industrijalizzati u attenzjoni akbar fuq it-titjib tal-klima għan-negozju, l-investiment, il-kummerċ u r-riċerka u l-innovazzjoni. Dan għandu jiżviluppa aġenda proattiva ta' interessi reċiproċi mal-pajjiżi msieħba b'fokus speċifiku fuq l-imsieħba strateġiċi tal-UE.

L-Istrument il-ġdid ta' Sħubija jissodisfa aħjar ukoll l-impenji tal-UE lejn pajjiżi terzi li kkonkludiet magħhom Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni/ ta' Qafas. Dan iżid il-kredibbiltà u l-konsistenza mal-politika esterna tal-UE li tgħaqqad il-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tagħha ma' attivitajiet speċifiċi ta' kooperazzjoni. Fi ħdan il-qafas tal-ftehimiet, l-Istrument ta' Sħubija jista' jaġixxi wkoll bħala katalista għal proġetti konġunti tal-UE u l-Istati Membri peress li l-UE u l-Istati Membri huma marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħhom. Fl-aħħar nett, dan se jappoġġja l-politika reġjonali u

bilaterali tal-UE, kif ukoll l-impenji tal-UE lejn proċessi u korpi reġjonali u internazzjonali ta' kooperazzjoni.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

Ir-**Reviżjoni ta' Nofs it-Term** (MTR) (COM/2009/196) tal-Istrument finanzjarju għall-azzjonijiet esterni, li saret fl-2009, ikkonkludiet li l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) kien jostakola l-finanzjament ta' attivitajiet li ma kinux "iffokati fuq l-imsieħba" bħall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), iżda li kienu ta' benefiċċju reċiproku fil-kuntest tal-globalizzazzjoni. L-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) ma ġiex ikkunsidrat xieraq għall-indirizzar tal-problema peress li l-għan prinċipali tiegħu huwa l-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u l-għajnuna soċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod aktar speċifiku l-eliminazzjoni tal-faqar fil-pajjiżi u r-reġjuni msieħba fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli, inkluż l-insegwiment tal-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju. Din il-limitazzjoni kienet qed taffettwa l-aktar reġjuni dinamiċi tad-dinja (eż. l-Amerika Latina, l-Asja, l-Afrika t'Isfel), u l-UE tħalliet mingħajr strument finanzjarju għall-appoġġ tal-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali marbuta mal-globalizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ekonomiji emerġenti. Għal dak il-għan, l-Awtorità tal-Baġit ħolqot **Azzjonijiet Preparatorji** fl-Amerika Latina u l-Asja sabiex jimtela temporanjament il-vojt leġiżlattiv. F'April 2009, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet segwitu leġiżlattiv (COM/2009/197) sabiex tippermetti l-finanzjament ta' miżuri fil-pajjiżi li jaqgħu taħt ir-Regolament tad-DCI biex jestendi l-ambitu ġeografiku tal-Istrument tal-Pajjiżi Industrijalizzati (ICI) għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw (inklużi ekonomiji emerġenti) tal-Asja u l-Amerika Latina, u għall-Iran, l-Iraq, il-Jemen u l-Afrika t'Isfel.

Ir-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu (MTR) irrikonoxxiet ukoll li l-ICI, li fuqu hija mibnija l-proposta attwali għal strument ġdid, ipprovdiet bażi flessibbli għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni ma' numru akbar ta' territorji industrijalizzati u bi dħul għoli, minkejja li l-pakkett finanzjarju kien pjuttost limitat.

Minbarra r-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu, **evalwazzjonijiet tal-programmi ewlenin** iffinanzjati taħt l-Istrument tal-ICI "Programm ta' aċċess tal-UE għall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea" (li jiffinanzja l-pavaljuni tal-UE fil-fieri kummerċjali) u ċ-Ċentri tal-UE (konsorzji tal-università li jikkonsenjaw moduli ta' "studji tal-UE" u jxerrdu informazzjoni prinċipali dwar l-UE lil udjenza wiesgħa ħafna) ġew imwettqa fl-aħħar snin u kienu pożittivi ħafna.

Rigward il-**Programm ta' Taħriġ Eżekuttiv (ETP)** (programmi tal-lingwa u ta' taħriġ għall-maniġers), l-evalwazzjoni mwettqa fl-2010[12] wera li l-ETP jippreżenta offerta unika fir-rigward tal-istruttura tal-programm (il-familjarità mal-kultura tan-negozju Ġappuniża u Koreana huma attributi imprezzabbli) u l-udjenza fil-mira (kemm il-kumpaniji kbar kif ukoll dawk żgħar u ta' daqs medju jagħtu valur lill-programm). Dan jipprovdi opportunità għall-parteċipanti potenzjali minn Stati Membri li ma joffru l-ebda inizjattiva simili. Barra minn hekk, jipprovdi viżibbiltà tajba għall-UE. L-ETP kellu impatt pożittiv fuq il-kumpaniji tal-UE li huma marbuta li jistabbilixxu/ikabbru l-attivitajiet kummerċjali tagħhom mal-Ġappun u l-Korea fir-rigward tal-għajnuna lill-kumpanija tal-UE għall-aċċess fis-swieq Ġappuniżi/Koreani; biex b'hekk jinġieb impatt sostenibbli fuq in-negozju tal-kumpaniji tal-UE, pjuttost milli effett għal żmien qasir u temporanju, u f'termini ta' twessigħ tal-possibilitajiet tan-negozju tal-kumpaniji tal-UE f'pajjiżi Ażjatiċi oħra.

[12] Evalwazzjoni ta' referenza: Evalwazzjoni Intermedjarja tal-Programm ta' Taħriġ Eżekuttiv fil-Ġappun u l-Korea. Frar 2010. Deloitte consulting.

L-evalwazzjoni, imwettqa fl-2010[13] fuq l-Inizjattiva taċ-**Ċentri tal-UE** (iddedikata għad-diplomazija pubblika) uriet li "ċ-Ċentri jżidu valur reali u li l-Kummissjoni tibbenefika ħafna mill-Inizjattiva L-ammont ta' ħidma mwettaq miċ-Ċentri jikkumpensa bil-kbir l-ispejjeż li ġġarrab il-Kummissjoni fuq il-programm". Il-programm stabbilixxa bażi soda f'dawk il-pajjiżi li kienu pijunieri fl-Inizjattiva (l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kanada) u miexi b'suċċess lejn livelli ogħla ta' maturità fl-Awstralja u n-New Zealand. Il-finanzjament tal-UE għandu l-kapaċità li jaġixxi bħala kapital inizjali, prinċipalment billi jattira sorsi oħra ta' finanzjament li jinġibdu lejn l-Inizjattiva sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tagħha.

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

It-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi l-prinċipji u l-għanijiet komuni u jiddefinixxi qafas istituzzjonali ġdid għall-azzjoni esterna tal-Unjoni (notevolment is-SEAE), li jwassal għal aspettattivi għoljin fil-qasam tal-azzjoni esterna kemm internament fi ħdan l-UE kif ukoll mill-imsieħba fil-livell nazzjonali u reġjonali, inkluż fil-kuntest multilaterali. L-Istrument ta' Sħubija (PI) se jkun element integrattiv fl-istruttura ġenerali ta' strumenti finanzjarji għall-azzjoni esterna organizzati madwar erba' kapitoli ewlenin: kapitolu bbażat fuq il-politika mmirat primarjament lejn il-kooperazzjoni mal-pajjiżi msieħba fil-livell bilaterali, reġjonali u internazzjonali, kif ukoll kapitoli dwar il-ħidma fuq prijoritajiet u valuri trasversali: id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, il-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-kriżijiet. Il-PI jaqa' taħt l-ewwel kapitolu, jiġifieri dak tal-ħidma ma' pajjiżi msieħba. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jfassal politiki tal-UE b'appoġġ għall-aġenda tal-istrateġija "Ewropa 2020", li tindirizza sfidi globali kbar, l-iżvilupp ta' aġenda proattiva ta' interessi tal-UE u ta' dawk reċiproċi mal-pajjiżi industrijalizzati u ekonomiji emerġenti, b'enfasi speċifika fuq l-imsieħba strateġiċi.

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-**istrateġija "Ewropa 2020"** huwa li terġa' ġġib it-tkabbir. L-Aġenda tirrikonoxxi li l-ekonomiji emerġenti li qed jikbru malajr u b'klassi medja li qiegħda tikber se jkollhom rwol fundamentali fis-sostenn tal-esportazzjoni Ewropea ta' oġġetti u servizzi fejn l-UE għandha vantaġġ komparattiv. L-Istrument ta' Sħubija għandu jkun strumentali fl-appoġġ għall-**politika tan-negozju**[14], b'mod partikolari rigward l-imsieħba ekonomiċi strateġiċi. L-appoġġ għall-aċċess għas-suq tal-kumpaniji Ewropej se jikkumplimenta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm tal-kompetittività u l-SMEs.

L-ekonomiji emerġenti għandhom ukoll rwol dejjem aktar importanti bħala msieħba responsabbli għall-indirizzar ta' sfidi ta' tħassib globali: kwistjonijiet bħat-tnaqqis tal-faqar, il-migrazzjoni, il-kompetittività u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, it-tisħiħ tal-ħiliet fil-litteriżmu diġitali u l-inklużjoni, il-pandemiji, iċ-ċibersigurtà, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jistgħu jiġu indirizzati biss f'kuntest internazzjonali. Fl-isfond ta' globalizzazzjoni aktar mgħaġġla, huwa essenzjali li l-aġenda interna tal-iżgurar ta' tkabbir sostenibbli u impjiegi fl-Ewropa u l-politika interna tal-UE b'mod ġenerali jiġu kkumplimentati minn dimensjoni esterna. Din id-dimensjoni esterna ta' politika interna għandha ttejjeb il-konsistenza u l-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE u għandha tikkumplimentaha, filwaqt li tevita sforzi doppji.

Għaldaqstant, l-Istrument ta' Sħubija se jagħti prijorità lill-appoġġ tad-dimensjoni esterna tal-politiki tal-UE dwar it-**tibdil fil-klima, l-ambjent, l-enerġija**, l-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll **it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni**. L-UE diġà fasslet l-aktar sett sofistikat ta' inċentivi, regoli u regolamenti sabiex tiffaċilita t-tranżizzjoni tagħna stess għal

[13] Evalwazzjoni ta' referenza: http://www.eeas.europa.eu/eu-centres/docs/2010_evaluation_en.pdf

[14] "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija – IL-POLITIKA TAL-KUMMERĊ BĦALA ELEMENT PRINĊIPALI MILL-ISTRATEĠIJA TAL-UE 2020" (COM/2010/612) tad-9.11.2010

ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u adottat, b'mod unilaterali, miri ambizzjużi. Dan il-qafas jipprovdi għarfien komprensiv u konkret dwar il-politika li jista' u għandu jintuża mill-imsieħba strateġiċi ewlenin tagħna biex jiffaċilita ambizzjonijiet simili. Azzjoni bħal din tkun tajba b'mod ċar għall-ambjent filwaqt li taġixxi bħala katalista għall-investiment fuq bażi wiesgħa fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-bini ta' kapaċità u l-programmi fit-teknoloġiji ġodda li jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent u tipprovdi opportunitajiet kummerċjali għall-industrija tal-UE. Għall-Istrument ta' Sħubija, l-**integrazzjoni tal-klima u l-għanijiet tal-klima** se jkunu partikolarment rilevanti għall-attivitajiet li jippermettu djalogu politiku ma' ekonomiji industrijalizzati u emerġenti.

L-effiċjenza tar-riżorsi se tkun kruċjali biex jiġi żgurat li t-tkabbir ekonomiku jibqa' sostenibbli fil-limiti ambjentali tal-pjaneta. L-UE qed tadotta **Strateġija ta' Effiċjenza tar-Riżorsi** bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija 2020. Dan, fost affarijiet oħra, se jaffettwa n-normi tal-UE u se jkun verament effettiv biss jekk jiġu adottati prattiċi effiċjenti fir-riżorsi mill-ekonomiji ewlenin kollha. L-ekonomiji emerġenti għandhom l-opportunità li jagħmlu qabża 'l quddiem mit-tendenzi ta' konsum u produzzjoni mhux sostenibbli li kienu ta' spiss segwiti mill-UE u ekonomiji avvanzati oħra matul l-industrijalizzazzjoni tagħhom u l-UE għandha kull interess biex tgħinhom jagħmlu dan. Madankollu, l-ekonomiji emerġenti b'mod partikolari l-Indja u ċ-Ċina għandhom ukoll popolazzjonijiet enormi, li jgħixu f'faqar assolut u li jiddependu fuq ekosistemi sani bħal ilma nadif u ibħra u foresti produttivi għall-għajxien tagħhom filwaqt li l-Brażil, l-Afrika t'Isfel, l-Indja u ċ-Ċina għandhom bijodiversità enormi Id-djalogu u l-kooperazzjoni dwar l-ekonomija ta' protezzjoni u ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi huma fl-interess reċiproku tal-UE u l-imsieħba tagħha.

Id-djalogu u l-kooperazzjoni prattika mal-produtturi u l-konsumaturi ewlenin tal-enerġija globali huma essenzjali sabiex tiġi indirizzata l-isfida li tiġi żgurata **s-sigurtà tal-enerġija tal-UE**, b'mod partikolari aktar mal-UE ssir dipendenti fuq l-importazzjoni, kif ukoll sabiex jiġu promossi aġenda globali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, politiki ta' enerġija sostenibbli, it-trasparenza u l-prevedibbiltà fis-swieq globali tal-enerġija u l-kooperazzjoni fit-teknoloġija.

L-Istati li ma jibqgħux bl-istatus ta' pajjiż li qed jiżviluppa jeħtieġu forom ġodda ta' **kooperazzjoni fl-oqsma teknoloġiċi u innovattivi**. Sabiex tibqa' msieħeb strateġiku f'dawn l-oqsma u tkompli tkun minn ta' quddiem fil-promozzjoni tal-istandards globali, l-UE għandha tkun tista' tibni sħubiji ta' kooperazzjoni f'dawn l-oqsma.

Fil-qosor, il-projezzjoni esterna tal-politiki interni tal-UE se tiġi integrata għal kollox fl-ipprogrammar tal-Istrument ta' Sħubija li, fi ħdan il-pakkett finanzjarju limitat tiegħu, se jikkomplimenta d-dimensjoni esterna tal-politiki interni mwettqa taħt programmi oħra tal-UE (bħal azzjonijiet taħt il-Programm ta' Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Programm għall-Kompetittività u l-SMEs inkluża l-kooperazzjoni dwar it-Turiżmu, il-Programm "Erasmus għal kulħadd", il-Fond tal-Migrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna) sabiex jiġi evitat kwalunkwe xogħol doppju. Il-koerenza u l-komplementarjetà ma' strumenti ġeografiċi ta' azzjoni esterna oħrajn ta' azzjoni esterna, b'mod partikolari l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, se jitqiesu matul l-istadju ta' programmazzjoni filwaqt li jiġu integrati l-prinċipji ta' distinzjoni u konċentrazzjoni.

1.6. Perjodu u impatt finanzjarju

☒ Il-proposta/inizjattiva ta' **perjodu limitat**

– ☒ Il-proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– ☒ L-impatt finanzjarju mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ta' **perjodu mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sal-SSSS,

– segwit b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Metodu/Metodi ta' ġestjoni previst(i)[15]

☒ **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☒ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** b'delegazzjoni tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[16]

– ☐ korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (***li għandhom jiġu speċifikati***)

*Jekk aktar minn metodu ta' ġestjoni wieħed huwa indikat, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

---

15 Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq il-websajt tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

16 Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

Is-sistemi ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea huma dejjem aktar iffokati fuq ir-riżultati. Dawn jinvolvu l-persunal intern kif ukoll l-għarfien espert estern.

Il-Maniġers tal-Kompitu fid-Delegazzjonijiet u l-Kwartieri Ġenerali tal-UE jissorveljaw kontinwament l-implimentazzjoni tal-proġetti u l-programmi b'modi differenti, inkluż kull meta jkun possibbli permezz ta' żjarat fuq il-post. Il-monitoraġġ jipprovdi informazzjoni importanti dwar il-progress; jgħin lill-maniġers biex jidentifikaw diffikultajiet attwali u potenzjali, u biex jieħdu azzjoni korrettiva.

Barra minn hekk, l-esperti esterni u indipendenti huma kkuntrattati biex jevalwaw il-prestazzjoni tal-azzjonijiet esterni tal-UE permezz ta' diversi sistemi kumplimentari. Dawn l-evalwazzjonijiet jikkontribwixxu għar-responsabbiltà u għat-titjib tal-interventi li jkunu għaddejjin; huma jitgħallmu wkoll mill-esperjenza tal-passat biex jinformaw lill-politiki u l-azzjonijiet futuri. L-għodod użati huma konformi mal-kriterji ta' evalwazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment OECD-DAC, inkluż l-impatt (potenzjali).

L-ewwel nett, fuq il-livell tal-proġett, is-sistema tas-Sorveljanza Orjentata lejn ir-Riżultati (SOR) immexxija mill-Kwartieri Ġenerali tipprovdi stampa fil-qosor u ffokata fuq il-kwalità tal-kampjun tal-interventi. Permezz ta' metodoloġija ferm strutturata u standardizzata, l-esperti indipendenti tas-SOR jattribwixxu gradi li jenfasizzaw is-saħħiet u n-nuqqasijiet tal-proġett u jagħtu rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tittejjeb l-effettività.

Evalwazzjonijiet fil-livell tal-proġett, li huma ġestiti mid-Delegazzjoni tal-UE responsabbli għall-proġett, jagħtu analiżi aktar dettaljata u fil-fond u jgħinu lill-amministraturi tal-proġett biex itejbu l-interventi kontinwi u jippreparaw dawk tal-ġejjieni. L-esperti esterni, indipendenti b'kompetenza tematika u ġeografika huma mikrija sabiex iwettqu l-analiżi u jiġbru rispons u evidenza mill-partijiet interessati kollha, mhux l-anqas mill-benefiċjarji finali.

Il-Kummissjoni twettaq ukoll evalwazzjonijiet strateġiċi tal-politika tagħha, mill-ipprogrammar u l-istrateġija għall-implimentazzjoni tal-interventi f'settur speċifiku (bħas-saħħa, l-edukazzjoni eċċ), f'pajjiż jew reġjun, jew għal strument speċifiku. Dawn l-evalwazzjonijiet huma ta' kontribut importanti għall-formulazzjoni tal-politiki u t-tfassil ta' strumenti u proġetti. Dawn huma kollha ppubblikati fil-websajt tal-Kummissjoni u sommarju tar-riżultati huwa inkluż fir-Rapport Annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

### 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju/Riskji identifikat(i)*

L-ambjent operattiv tal-Istrument ta' Sħubija huwa kkaratterizzat mir-riskji li ġejjin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrument:

- proġetti u programmi mxerrdin ġeografikament: il-PI se jkollu firxa piż b'attenzjoni speċifika fuq l-imsieħba strateġiċi. Huwa se jżomm il-kooperazzjoni attwali mal-pajjiżi u t-territorji industrijalizzati (tal-ICI attwali) iżda se jidħol fi proġetti/programmi ġodda ma' grupp ta' pajjiżi fejn il-kooperazzjoni kienet iffokata fuq l-ODA. Il-kopertura dinjija tista' toħloq sfidi loġistiċi/tar-riżorsi għall-monitoraġġ – b'mod partikolari kwalunkwe segwitu 'fuq il-post' tal-attivitajiet;

- it-tnedija ta' programmi/proġetti ġodda, flimkien ma' riskju ta' nuqqas ta' kapaċità istituzzjonali u amministrattiva f'xi pajjiżi msieħba, tista' twassal għal diffikultajiet u dewmien fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-interventi;

- id-diffikultajiet għas-segwitu u l-kwantifikazzjoni tal-impatt ta' tali kooperazzjoni għall-UE u l-pajjiżi msieħba jistgħu jfixklu l-kapaċità tal-Kummissjoni li tirrapporta fuq u tkun responsabbli għar-riżultati;

- l-aġenda ekonomika/politika tista' twassal għal diffikultajiet u dewmien fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-interventi;

- peress li l-PI huwa strument ġdid, nuqqas ta' riżorsi umani u krediti amministrattivi għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-istrument fid-delegazzjonijiet u fil-kwartieri ġenerali jista' jwassal għal diffikultajiet fil-ġestjoni korretta tal-istrument.

*2.2.2. Metodu/Metodi ta' kontroll maħsub(a)*

Il-proċess ta' kontroll/ġestjoni intern/a tal-Kummissjoni huwa mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli rigward il-kisba tal-għanijiet fl-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha, l-affidabilità tar-rappurtar finanzjarju tagħha u l-konformità mal-qafas leġiżlattiv u l-proċedurali rilevanti.

Sabiex tiġi żgurata l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha, u sabiex jitnaqqas il-livell għoli ta' riskju fl-ambjent tagħha ta' kooperazzjoni esterna, minbarra l-elementi kollha tal-proċess tal-Politika u Ppjanar Strateġiku madwar il-Kummissjoni, l-ambjent tal-verifika interna u rekwiżiti oħra tal-Istandards ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni, se japplikaw l-elementi li ġejjin:

– Fejn xieraq, ġestjoni devoluta tal-kooperazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-UE f'dak il-qasam;

– Linji ċari ta' responsabbiltà finanzjarja permezz ta' sottodelega mill-Uffiċjal Awtorizzanti Sottodelegat (Direttur/Kap tas-Servizz) fil-Kwartieri Ġenerali lill-Kap tad-Delegazzjoni;

– Rappurtar regolari mid-Delegazzjonijiet tal-UE lill-Kwartieri Ġenerali li jinkludi Dikjarazzjoni annwali ta' Assigurazzjoni mill-Kap tad-Delegazzjoni;

– Il-forniment ta' programm sostanzjali ta' taħriġ għall-persunal kemm fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fid-delegazzjoni;

– Appoġġ u gwida sinifikanti tal-KĠ/Delegazzjoni (inkluż permezz tal-internet);

– Kontrolli eks post regolari;

– Metodoloġija ta' ġestjoni taċ-ċiklu ta' proġett u ta' programm inkluż:

– Għodda ta' appoġġ għall-kwalità tat-tfassil tal-intervent, il-metodu ta' twassil tiegħu, il-mekkaniżmu ta' finanzjament, is-sistema ta' ġestjoni, il-valutazzjoni u l-għażla ta' kwalunkwe msieħba ta' implimentazzjoni eċċ.

– Ġestjoni tal-programm u tal-proġett, għodod ta' monitoraġġ u ta' rappurtar għall-implimentazzjoni effettiva inkluż il-monitoraġġ estern regolari tal-proġetti fuq il-post.

– Komponenti sinifikanti ta' evalwazzjoni u verifika.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Minħabba l-ambjent ta' riskju għoli fl-azzjonijiet esterni, jeħtieġ li s-sistemi jantiċipaw okkorrenza sinifikanti ta' żbalji ta' konformità (irregolaritajiet) potenzjali fit-tranżazzjonijiet u jibnu livell għoli ta' kontrolli ta' prevenzjoni, skoperta u korrezzjoni malajr kemm jista' jkun fil-proċess ta' ħlas. Dan ifisser fil-prattika li l-kontrolli tal-konformità se jiddependu l-aktar fuq kontrolli ex ante fuq bażi multi-annwali sinifikanti kemm mill-awdituri esterni kif ukoll mill-persunal tal-Kummissjoni fuq il-post qabel il-ħlasijiet finali tal-proġett (filwaqt li xorta jwettqu xi verifiki u kontrolli ex post), li jmur ferm lil hinn mis-salvagwardji finanzjarji meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju. Il-qafas ta' konformità huwa magħmul mill-komponenti sinifikanti li ġejjin:

- Miżuri preventivi
- Taħriġ ċentrali obbligatorju li jkopri l-kwistjonijeeit ta' frodi għall-persunal tal-ġestjoni tal-kooperazzjoni;
- Valutazzjonijiet eks ante ta' konformità sabiex jiżguraw li l-imsieħba ta' implimentazzjoni kollha għandhom fis-seħħ miżuri xierqa għal kontra l-frodi sabiex jipprevjenu u jidentifikaw frodi fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE;
- Il-Kummissjoni ffirmat l-Inizjattiva Internazzjonali tat-Trasparenza tal-Għajnuna (IATI) f'Accra fl-2008, fejn qablet dwar standard għat-trasparenza tal-għajnuna li tiżgura dejta aktar f'waqtha, dettaljata u regolari dwar il-flussi u d-dokumenti tal-għajnuna.
- Miżuri ta' skoperta u korrezzjoni
- Kontrolli eks ante tat-tranżazzjonijiet imwettqa mill-persunal tal-Kummissjoni fuq it-tranżazzjonijiet kollha ta' kuntratti u pagamenti;
- Verifiki esterni u verifikazzjonijiet (kemm mandatorji kif ukoll fuq il-bażi tar-riskji) li jinkludu l-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
- Kontrolli retrospettivi (fuq bażi tar-riskju) u rkupri.

Barra minn hekk, meta jkun hemm suspett li l-irregolarità tkun intenzjonata (frodi), jistgħu japplikaw il-miżuri li ġejjin:

- Sospensjoni tal-limitu ta' żmien għall-ħlasijiet u n-notifika lill-entità;
- Verifiki speċifiċi (verifika ad hoc/forensika);
- Sistema ta' Twissija Bikrija u monitoraġġ imsaħħaħ tal-kuntratti;
- Sospensjoni/tmiem tal-kuntratt;
- Proċedura ta' esklużjoni.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkunu qed jaħdmu bi sħubija sħiħa mal-OLAF għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-istrateġija l-ġdida ta' kontra l-frodi tal-Kummissjoni adottata mill-Kulleġġ fl-2011 sabiex, fost l-oħrajn, jiġi żgurat li:

– kontrolli itnerni relatati għal kontra l-frodi jkunu allinjati għal kollox mal-CAFS;

| |
|---|
| – approċċ ta' ġestjoni tar-riskju ta' frodi huwa mmirat li jidentifika l-oqsma ta' riskju ta' frodi u r-reazzjonijiet adegwati;<br><br>– is-sistemi użati għall-infiq tal-fondi tal-UE f'pajjiżi terzi jippermettu sabiex id-dejta relevanti tinstab bil-għan li din id-dejta tiddaħħal fil-ġestjoni tar-riskju ta' frodi (eż. il-finanzjament doppju);<br><br>– fejn meħtieġ, jistgħu jiġu stabbiliti gruppi ta' netwerking u għodod adegwati tal-IT iddedikati għall-analiżi ta' każijiet ta' frodi relatati mas-settur tal-għajnuna esterna. |

## 2.4 Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli

| |
|---|
| L-ispejjeż tal-kontroll/ġestjoni intern/a tal-Istrument ta' Sħubija għandhom ikunu simili għall-ispejjeż ikkalkulati mill-EuropeAid għall-ġestjoni tal-istrumenti tal-azzjonijiet esterni tiegħu (jiġifieri 6 % tal-pakkett):<br><br>Għall-portafoll tad-EuropeAid kollu kemm hu, l-ispejjeż tal-kontroll/ġestjoni jammontaw għal total ta' madwar medja annwali ta' **EUR 658 miljun** f'impenji għall-ippjanar tal-baġit 2014-2020. Din iċ-ċifra tinkludi l-ġestjoni tal-FEŻ li jopera b'mod integrat fi ħdan l-istruttura ta' ġestjoni tal-EuropeAid. Dawn l-ispejjeż 'mhux operazzjonali' jirrappreżentaw madwar **6,4 %** tal-medja annwali stmata ta' **EUR 10,2 biljun** ppjanati għall-impenji globali (operazzjonali + amministrattivi) mill-EuropeAid fuq il-portafoll tan-nefqa tagħha ffinanzjat mill-Baġit Ġenerali tal-KE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-perjodu 2014-2020.<br><br>Dawn l-ispejjeż tal-ġestjoni jqisu l-persunal kollu tal-EuropeAid fil-Kwartieri Ġenerali u d-Delegazzjonijiet, l-infrastruttura, l-ivvjaġġar, it-taħriġ, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-kuntratti ta' verifika (inklużi dawk imnedija mill-benefiċjarji).<br><br>Il-EuropeAid jippjana li maż-żmien inaqqas il-proporzjon ta' attivitajiet operazzjonali tal-ġestjoni taħt arranġamenti mtejba u simplifikati tal-istrumenti l-ġodda, imsejsa fuq il-bidliet li x'aktarx iseħħu taħt ir-Regolament Finanzjarju rivedut. Il-benefiċċji ewlenin ta' dawn l-ispejjeż tal-ġestjoni huma mwettqa f'termini ta' kisba tal-għanijiet ta' politika, l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi u l-eżerċizzju ta' miżuri preventivi kosteffikaċi robusti u kontrolli oħrajn sabiex jiġi żgurat l-użu legali u regolari tal-fondi.<br><br>Filwaqt li se jkompli jiġi segwit it-titjib fin-natura u l-miri tal-attivitajiet ta' ġestjoni u l-kontrolli ta' konformità fir-rigward tal-portafoll, dawn l-ispejjeż huma globalment meħtieġa sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-istrumenti f'riskju minimu ta' nuqqas ta' konformità (anqas minn 2 % ta' żball residwali) b'mod effettiv u effiċjenti. Dawn huma ferm anqas mir-riskji involuti fit-tneħħija jew it-tnaqqis tal-kontrolli interni f'dan il-qasam ta' riskju għoli. |

# 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/linji tal-baġit tan-nefqa affettwata/affettwati

- Linji eżistenti tal-baġit tan-nefqa

Fl-ordni tal-intestaturi u l-linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| Intestatura tal-qafas | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni |
|---|---|---|---|

| finanzjarju multiannwali | Numru [Deskrizzjoni……………………..……….] | Diff./mhux diff. (17) | minn pajjiżi tal-EFTA[18] | minn pajjiżi kandidati[19] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Intestatura 4 – Ewropa Globali | 19 01 04 08 - Strument tal-Pajjiżi Industrijaizzati (ICI) – Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva<br>19 05 01 – Kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati mhux membri<br>19 05 02 – KEDO<br>19 05 03 – Proġett Pilota fuq metodi transatlantiċi għat-trattament tal-isfidi globali<br>19 09 03 – Attivitajiet ta' kooperazzjoni li mhumiex Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (L-Amerika Latina)<br>19 09 02 - Azzjoni Preparatorja - Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp bi dħul medju fl-Amerika Latina<br>19 10 04 - Attivitajiet ta' kooperazzjoni li mhumiex Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (l-Asja, l-Asja Ċentrali, l-Iraq, l-Iran, il-Jemen)<br>19 10 01 03 - Azzjoni preparatorja dwar l-iskambji kummerċjali u xjentifiċi mal-Indja<br>19 10 01 04 - Azzjoni preparatorja dwar l-iskambji kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina<br>19 10 01 05 - Azzjoni preparatorja - Kooperazzjoni ma' pajjiżi bi dħul medju fl-Asja | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji tal-baġit ġodda mitluba

| Intestatura tal-qafas finanzjar | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura…………………………………… | Diff./mhux | minn pajjiżi tal- | minn pajjiżi | minn pajjiżi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) |

17 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff.= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati

18 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

19 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| ju multiann wali | ..] | diff. | EFTA | kandidati | terzi | tar-Regolament Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Intestatura 4 – Ewropa Globali | 19 01 04 08 – Strument ta' Sħubija (PI) – Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva.<br><br>19 05 01 – Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi taħt l-Istrument ta' Sħubija.<br><br>19 05 02 - Kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati mhux membri - tlestija tal-programm preċedenti 2007-2013 (Dak li kien BL 19 05 01).<br><br>Nb: Linji tal-baġit eżistenti oħra taħt il-kapitolu 19 09 u 19 10 se jibqgħu fil-proċess ta' għeluq tal-azzjonijiet (b' "pm" għal impenji). | Diff. | LE | LE | LE | LE |

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*EUR miljuni(sa 3 postijiet deċimali)*

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali**: | Numru | Intestatura 4 – Ewropa Globali |
|---|---|---|

| DĠ: FPI | | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi (Prezzijiet attwali @ 2% mill-prezzijiet tal-2011) | | | | | | | | | | |
| 19 05 01 - Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi taħt l-Istrument ta' Sħubija. | Impenji | (1) | 128,853 | 135,586 | 143,670 | 153,001 | 163,782 | 176,106 | 188,812 | 1.089,710 |
| | Pagamenti (a) | (2) | 27,753 | 68,486 | 110,870 | 143,201 | 152,182 | 162,506 | 174,112 | 839,110 |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[20] | | | | | | | | | | |
| 19 01 04 08 – Strument ta' Sħubija (PI) – Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva (b) | | (3) | 4,847 | 5,114 | 5,430 | 5,799 | 6,218 | 6,694 | 7,188 | 41,290 |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet għad-DĠ FPI** | Impenji | =1+1a +3 | 133,700 | 140,700 | 149,100 | 158,800 | 170,000 | 182,800 | 196,000 | 1.131,000 |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 32,600 | 73,600 | 116,300 | 149,000 | 158,400 | 169,200 | 181,300 | 880,400 |

(a) Il-pagamenti għan-nefqa operattiva ġew ikkalkulati permezz ta' ċiklu tal-proġett standard ta' 4 snin ta' 20 %-30 %-30 %-20 %.

20 L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji ex "BA"), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

(b) Ammont ta’ 4% tal-pakkett ġie mwarrab għan-nefqa tal-appoġġ amministrattiv

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali**: | 5 | " Nefqa amministrattiva " |
|---|---|---|

| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: FPI | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 3,227 | 3,195 | 3,163 | 3,131 | 3,131 | 3,131 | 3,131 | 22,111 |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,150 | 0,153 | 0,156 | 0,159 | 0,163 | 0,166 | 0,169 | 1,116 |
| **TOTAL DĠ** FPI | Approprjazzjonijiet | 3,377 | 3,348 | 3,319 | 3,291 | 3,294 | 3,297 | 3,301 | 23,227 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta’ approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Total impenji = Total pagamenti) | 3,377 | 3,348 | 3,319 | 3,291 | 3,294 | 3,297 | 3,301 | 23,227 |

EUR miljuni

| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018-2020 | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta’ approprjazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 137,077 | 144,048 | 152,419 | 162,091 | 173,294 | 186,097 | 199,301 | 1.154,227 |
| | Pagamenti | 35,977 | 76,948 | 119,619 | 152,291 | 161,694 | 172,497 | 184,601 | 903,627 |

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa 3 postijiet deċimali)

| Indika l-objettivi u r-riżultati ⇩ | | | Sena N | | Sena N+1 | | Sena N+2 | | Sena N+3 | | … daħħal kemm-il sena hemm bżonn sabiex turi l-perjodu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | TOTAL | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | RIŻULTATI | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip ta’ riżultat[21] | Spiża medja tar-riżultat | Għadd ta' riżultati | Spiża | Għadd ta' riżultati | Spiża | Għadd ta' riżultati | Spiża | Għadd ta' riżultati | Spiża | Għadd ta' riżultati | Spiża | Għadd ta' riżultati | Spiża | Għadd ta' riżultati | Spiża | Total tal-għadd tar-riżultati | Total tal-ispiża |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[21] Riżultati huma l-prodotti us-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż. numru ta’ skambji ffinanzjati ta’ studenti, numru ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ).

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Projezzjoni tad-dimensjoni esterna tal-istrateġija "Ewropa 2020", id-djalogi dwar il-linja politika, l-isfidi ta' tħassib globali | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | 70,861 | | 74,571 | | 79,023 | | 84,164 | | 90,100 | | 96,884 | | 103,880 | | 599,483 |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2<br>Sħubijiet ekonomiċi, kooperazzjoni bejn in-negozji u kooperazzjoni regolatorja | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2 | | | | 26,740 | | 28,140 | | 29,820 | | 31,760 | | 34,000 | | 36,560 | | 39,200 | | 226,220 |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 3<br>Diplomazija pubblika, kooperazzjoni edukattiva/akkademika u komunikazzjoni | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

MT



MT

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 3 | | 24,567 | | 25,840 | | 27,372 | | 29,137 | | 31,182 | | 33,522 | | 35,932 | | 207,452 |
| Riżerva mhux allokata | | 6,685 | | 7,035 | | 7,455 | | 7,940 | | 8,500 | | 9,140 | | 9,800 | | 56,555 |
| SPIŻA TOTALI | | 128,853 | | 135,586 | | 143,670 | | 153,001 | | 163,782 | | 176,106 | | 188,812 | | 1.089,710 |

N.B.: l-analiżi skont l-għanijiet speċifiċi hija kif ġej mill-pakkett finanzjarju ta' EUR 1.131,000 miljun

Għan Nru 1: 53%

Għan Nru 2: 20%

Għan Nru 3: 18%

Riżerva mhux allokata: 5% li għandhom jiġu pprogrammati bejn it-tliet għanijiet skont il-bżonn.

L-allokazzjonijiet fost ir-riżultati mhumiex xierqa minħabba n-natura tal-istrument (l-ebda għadd standard ta’ riżultati u l-ebda spiża medja).

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni(sa 3 postijiet deċimali)

| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | 3,227 | 3,195 | 3,163 | 3,131 | 3,131 | 3,131 | 3,131 | 22,111 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,150 | 0,153 | 0,156 | 0,159 | 0,163 | 0,166 | 0,169 | 1,116 |
| **Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 3,377 | 3,348 | 3,319 | 3,291 | 3,294 | 3,297 | 3,301 | 23,227 |

| **Barra mill-INTESTATURA 5**[22] **tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | 3,565 | 3,658 | 3,778 | 3,925 | 4,139 | 4,384 | 4,631 | 28,080 |
| Nefqa oħra Ta' natura amministrattiva | 1,282 | 1,456 | 1,652 | 1,875 | 2,079 | 2,310 | 2,557 | 13,210 |
| **Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 4,847 | 5,114 | 5,430 | 5,799 | 6,218 | 6,694 | 7,188 | 41,290 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **8,224** | **8,462** | **8,750** | **9,090** | **9,512** | **9,991** | **10,489** | **64,517** |

22 L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji ex "BA"), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa post deċimali wieħed)*

| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni) | | 17,4 | 17,3 | 17,1 | 16,9 | 16,9 | 16,9 | 16,9 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time) FTE)**[23] | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | 13,0 | 12,9 | 12,8 | 12,6 | 12,6 | 12,6 | 12,6 |
| 12,6XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | 2,0 | 1,9 | 1,9 | 1,9 | 1,9 | 1,9 | 1,9 |
| 19 01 04 08 [24] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | 39,4 | 40,4 | 41,8 | 43,4 | 45,7 | 48,4 | 51,2 |
| **XX** 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji tal-baġit oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 71,8 | 72,5 | 73,5 | 74,9 | 77,2 | 79,9 | 82,7 |

Ir-riżorsi umani taħt l-Intestatura 5 jikkorrispondu għall-persunal meħtieġ għall-ġestjoni tal-Istrument ta' Sħubija l-ġdid .

Dan jinkludi l-persunal eżistenti tal-FPI li jamministra l-ICI attwali, jiġifieri 3,6 AD; 7 AST; 4,3 AC, 2 ALs f'Washington = 17 FTE, u talba għal persunal addizzjonali stmat għal 4 AD, 3 AST, 9 AC = 16 FTE.

19 huwa l-qasam tal-linja politika jew it-titolu tal-baġit konċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jimtlew mill-persunal mid-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ntbagħat jaħdem mad-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' allokoazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li qed jimmaniġġja skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

23 AK= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija ("*Intérimaire*"); JED= "*Jeune Expert en Délégation*" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjoni); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondat;

24 Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (linji "BA" preċedenti).

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Ġestjoni taċ-ċiklu tal-programm u tal-proġett |
| Persunal estern | Ġestjoni taċ-ċiklu tal-programm u tal-proġett |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☒ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali 2014-2020.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwal.

| |
|---|
| Spjega xi programmar mill-ġdid huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[25].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal kemm-il sena hemm bżonn sabiex turi l-perjodu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[25] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/inizjattiva m’għandha ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul mixxellanju

EUR miljuni(sa 3 postijiet deċimali)

| Lina tad-dħul tal-baġit | Approprjazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju tal-baġit li għaddej | Impatt tal-proposta/inizjattiva[26] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | daħħal kemm-il kolonna hemm bżonn sabiex turi l-perjodu tal-impatt (ara l-punt 1.6 | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affetwata/i.

Speċifika l-metodu użat għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[26] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, dazji fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta’ 25 % tal-imposti tal-ġbir.